



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 3 ta' Mejju 2021  
(OR. en)**

**2019/0152 (COD)**

**PE-CONS 9/21**

**RECH 92  
COMPET 161  
EDUC 79  
CODEC 335**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

**Suġġett:** DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027: Nagħtu Spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE

**DEĊIŻJONI (UE) 2021/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni  
u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027:**

**Nagħtu Spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa  
u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 47, 11.2.2020, p. 69.

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... .

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill<sup>1 +</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu, jipprevedi l-adozzjoni ta' Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI).
- (2) L-ASI jenħtieġ li tiddefinixxi l-oqsma ta' prijorità u l-istrateġija għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) għall-perjodu ta' seba' snin ikkonċernat f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2 ++</sup>, jenħtieġ li tistabbilixxi l-azzjonijiet ewlenin tal-EIT u jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tal-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tal-EIT, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħha u l-kapaċità tagħha li tiġġenera l-aħjar valur miżjud fir-rigward tal-innovazzjoni. L-ASI jenħtieġ li tikkunsidra r-risultati tal-monitoraġġ kontinwu u tal-evalwazzjoni perijodika indipendenti tal-EIT.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU ...)

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU ...).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD) u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

- (3) L-ASI jenħtieġ ukoll tqis l-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont Ewropa) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, tistabbilixxi u trawwem is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet xierqa bejn attivitajiet tal-EIT u inizjattivi, strumenti u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, u tiżgura l-konsistenza mal-prijoritajiet u l-impenji tal-Unjoni, inklużi dawk imsemmija fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, tas-27 ta' Mejju 2020 intitolata "il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa" (Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa), tad-19 ta' Frar 2020 dwar Strateġija Ewropea għad-Data, tal-10 ta' Marzu 2020 dwar Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali u tal-10 ta' Marzu 2020 dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa u dawk relatata mal-kisba tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa.
- (4) L-ASI jenħtieġ li tinkludi stima tal-ħtiġijiet u s-sorsi finanzjarji għall-attivitajiet futuri tal-EIT. Hija jenħtieġ li tinkludi wkoll pjan finanzjarju indikattiv li jkopri l-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) rilevanti.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

- (5) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tal-EIT u tal-Komunitajiet ta' Konnoxxenza u Innovazzjoni (KKI) f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'urġenza u għandha tapplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021.
- (6) Ladarba l-oġettivi ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda jistgħu minflok, għal raġunijiet ta' skala u ta' transnazzjonalità, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f' dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi.
- (7) Id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jenħtieġ li titħassar,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 892).

### *Artikolu 1*

L-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għall-perjodu mill-2021 sal-2027 (ASI 2021-2027) kif stabbilita fl-Anness hija b'dan adottata.

### *Artikolu 2*

L-ASI għandha tiġi implimentata skont ir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>.

### *Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD)).

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

## ANNES

### L-AĠENDA STRATEĠIKA TA' INNOVAZZJONI TAL-ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA GĦALL-PERJODU MILL-2021 SAL-2027

#### Werrej

|      |                                                                                                                     |    |
|------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----|
| 1.   | Introduzzjoni                                                                                                       | 4  |
| 1.1. | Il-kuntest                                                                                                          | 5  |
| 1.2. | Sfidi ewlenin                                                                                                       | 11 |
| 1.3. | Il-pożizzjonament f'Orizzont Ewropa                                                                                 | 14 |
| 2.   | Ngħollu l-livell: l-Istrateġija tal-EIT u L-objettivi għall-2011-2027                                               | 18 |
| 3.   | Nagħtu spinta lit-talent u lill-kapaċità ta' innovazzjoni fl-Ewropa: Azzjonijiet Ewlenin                            | 20 |
| 3.1. | Appoġġ għall-KKI eżistenti                                                                                          | 20 |
| 3.2. | Żieda fl-impatt reġjonali tal-KKI                                                                                   | 23 |
| 3.3. | It-tnedija ta' KKI ġodda                                                                                            | 27 |
| 3.4. | L-għoti ta' appoġġ għall-kapaċità tal-innovazzjoni u intraprenditorjali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja | 29 |

|        |                                                                                |    |
|--------|--------------------------------------------------------------------------------|----|
| 3.5.   | Attivitajiet trasversali tal-EIT                                               | 35 |
| 3.5.1. | Komunikazzjoni u disseminazzjoni                                               | 35 |
| 3.5.2. | L-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin mal-partijiet ikkonċernati | 38 |
| 3.5.3. | Kooperazzjoni internazzjonali u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni globali    | 39 |
| 3.6.   | Mit-teorija għall-prattika: modalità ta' operazzjoni                           | 40 |
| 3.6.1. | Mudell operattiv tal-KKI                                                       | 41 |
| 3.6.2. | Mudell ta' finanzjament tal-KKI                                                | 44 |
| 3.6.3. | It-tnaqqis tal-piż amministrattiv                                              | 48 |
| 3.6.4. | Ir-relazzjoni tal-EIT mal-KKI wara t-terminazzjoni tal-ftehim ta' sħubija      | 49 |
| 3.7.   | Sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi oħra tal-Unjoni                 | 51 |
| 4.     | L-indirizzar tal-kriżi li tirriżulta mit-tifqigħa tal-COVID-19                 | 56 |

|        |                                                          |    |
|--------|----------------------------------------------------------|----|
| 5.     | Riżorsi                                                  | 57 |
| 5.1.   | Ħtiġijiet tal-baġit                                      | 57 |
| 5.2.   | Impatt (monitoraġġ u evalwazzjoni)                       | 59 |
| 5.2.1. | Rappurtar u monitoraġġ                                   | 60 |
| 5.2.2. | Evalwazzjoni, rieżami interim u valutazzjoni komprensiva | 66 |
|        | Appendiċi 1                                              | 70 |
|        | Appendiċi 2:                                             | 79 |

## 1. INTRODUZZJONI

Din l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tistabbilixxi l-oqsma ta' prijorità u l-istrateġija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) għall-perjodu 2021-2027 (ASI 2021-2027). Hija tistabbilixxi l-oġġettivi, l-azzjonijiet ewlenin, il-modalità ta' ħidma, ir-riżultati mistennija u l-impatt tal-EIT, kif ukoll stima tar-riżorsi meħtieġa. L-ASI 2021-2027 tiżgura l-konsistenza meħtieġa tal-EIT mal-Programm Orizzont Ewropa.

L-ASI 2021-2027 hija infurmata b'valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni. Hija tiegħu kont tal-abbozz tal-ASI mħejji mill-EIT u ppreżentat lill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2017, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Hija tirrifletti wkoll ir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, u, b'mod partikolari, ir-rwol ewleni tal-EIT bħala parti mill-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" tal-Programm Orizzont Ewropa, u l-kontribut tiegħu biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u soċjetali, inklużi l-miri u l-impenji stabbiliti għall-oġġettivi klimatiċi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), u għall-Pilastru I "Xjenza Eċċellenti" u l-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" ta' Orizzont Ewropa. L-ASI 2021-2027 tibni fuq il-lezzjonijiet meħuda matul is-snin preċedenti tat-tħaddim tal-EIT u r-riżultati ta' proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

L-ASI 2021-2027 tqis l-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa sabiex tiżgura l-konsistenza mal-attivitajiet ta' Orizzont Ewropa, kif ukoll is-sinerġiji ma' programmi rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-konsistenza mal-prijoritajiet u l-impenji tal-Unjoni, inklużi dawk relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa, l-Istrateġija Ewropea għad-data, l-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali u l-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa u dawk relatati mal-kisba tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa. Barra minn hekk, hija tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi globali u soċjetali, inklużi l-SDGs, billi ssegwi l-prinċipji tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima<sup>1</sup>, u għall-kisba ta' ekonomija b'emissjonijiet żero netti ta' gassijiet b'effett ta' serra sa mhux aktar tard mill-2050. Hija għandha l-għan ukoll li żżid il-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn l-attivitajiet tal-EIT mal-prijoritajiet u l-programmi ta' finanzjament nazzjonali u reġjonali.

#### 1.1. Il-kuntest

L-EIT kien stabbilit fl-2008 bl-għan li jikkontribwixxi għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli billi jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Huwa kien minn tal-ewwel li integra l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni (it-‘triangolu tal-għarfien’) b'enfasi qawwija fuq it-talent intraprenditorjali, il-ħolqien ta' negozji u l-ħiliet fl-innovazzjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

Mind u tvaqqaf, l-EIT stabbilixxa ruħu gradwalment bħala strument uniku li jindirizza l-isfidi tas-soċjetà permezz tal-integrazzjoni tat-triangolu tal-ġharfien. L-EIT jopera prinċipalment permezz tal-Komunitajiet ta' Konnoxxenza u Innovazzjoni (KKI)<sup>1++</sup>. Bħalissa hemm tmien KKI li joperaw fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni diġitali, l-enerġija, l-ikel, is-saħħa, il-materja prima, il-mobbiltà urbana u l-manifattura b'valur miżjud.

Kull KKI s'issa kienet organizzata f'bejn ħames u għaxar ċentri ta' kolokazzjoni (CLCs)<sup>2</sup>, li huma maħsuba sabiex jaġixxu bħala ċentri ġeografiċi li jipprovdu wkoll spazju fiżiku għall-interazzjoni lokali fi ħdan l-ekosistema tal-innovazzjoni u għall-integrazzjoni Prattika tat-triangolu tal-ġharfien. Is-CLCs huma organizzati u strutturati skont il-kuntest ta' innovazzjoni reġjonali u nazzjonali rilevanti tagħhom u jibnu fuq network pan-Ewropew ta' laboratorji, uffiċċji jew kampusijiet eżistenti ta' sieħeb ta' KKI.

---

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD)).

<sup>2</sup> Kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

Il-KKI għandhom l-għan li jmxexxu l-portafolli tal-attivitajiet tat-triangolu tal-għarfien permezz ta':

- (a) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ b'komponenti intraprenditorjali b'saħħithom biex iħarrġu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' talenti, inklużi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi, b'mod partikolari fil-livell ta' masters u dottorat, mogħtija t-tikketta tal-EIT, jiġifieri siġill ta' kwalità mogħti mill-EIT lil programm edukattiv ta' KKI li jikkonforma ma' kriterji speċifiċi ta' kwalità relatati, fost l-oħrajn, mal-edukazzjoni intraprenditorjali u l-kurrikuli innovattivi ta' "taġħlim permezz ta' Prattika"; l-aġenda tal-edukazzjoni tal-EIT hija kruċjali għall-iżvilupp ta' innovaturi b'livell għoli ta' intraprenditorjalità u ta' sengħa, u għalhekk huma importanti l-programmi u l-attivitajiet li għandhom l-għan li jiżviluppaw l-intraprenditorija u l-ħiliet diġitali u li jippromwovu t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tar-riżorsi umani f'perspettiva ta' taġħlim tul il-ħajja;
- (b) attivitajiet li jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw prodotti, proċessi, teknoloġiji, servizzi, u soluzzjonijiet mhux teknoloġiċi innovattivi u sostenibbli li jindirizzaw opportunità speċifika ta' negozju jew objettiv soċjali;
- (c) attivitajiet ta' appoġġ u ħolqien tan-negozju, bħal skemi ta' aċċelleratur maħsuba biex jgħinu lill-imprendituri jittraduċu l-ideat tagħhom f'impriżi ta' suċċess u jħaffu l-proċess ta' tkabbir u ta' żvilupp.

L-enfasi fuq l-isfidi globali u soċjetali permezz tal-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, l-integrazzjoni ta' attivitajiet ta' edukazzjoni għolja fil-katina ta' valur tal-innovazzjoni, hija karatteristika distintiva tal-EIT meta mqabbel ma' strumenti ta' innovazzjoni oħrajn.

L-approċċ tal-EIT jgħin sabiex tinbena reżiljenza, tiżdied is-sostenibbiltà u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' innovazzjonijiet inkrementali kif ukoll fixkiela, sabiex jindirizza b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq u jgħin fit-trasformazzjoni tal-industriji u jappoġġja l-ħolqien ta' negozji ġodda, ta' spin-offs u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). L-EIT jippermetti l-ħolqien ta' strateġiji tan-negozju fit-tul għall-indirizzar tal-isfidi globali u jgħin sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet ta' qafas li huma essenzjali sabiex ekosistema ta' innovazzjoni li tiffunzjona sewwa tkompli tikber u sabiex l-innovazzjoni tirnexxi. Ir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> jipprevedi l-oġettiv li l-KKI jsiru finanzjarjament sostenibbli<sup>1++</sup>, li hija karatteristika unika li għandha l-għan li toħloq innovazzjoni orjentata lejn l-impriżi u r-riżultati. F'dak il-kuntest, il-KKI għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji li joħolqu dħul sabiex iżommu l-ekosistema ta' innovazzjoni tagħhom u l-attivitajiet tat-trijangolu tal-għarfien wara l-perjodu kopert mill-ftehimiet ta' għotja.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

Għalhekk l-EIT joffri pjattaforma dinamika għat-tnedija, it-tkabbir, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-KKI b'effetti qawwija tan-network u b'riperkussjonijiet pożittivi. Il-KKI fl-ewwel mewġa (EIT Diġitali, EIT tal-KKI għall-Klima u EIT InnoEnergy), immedija fl-2009, huma stabbiliti u maturi u l-ftehimiet ta' sħubija tagħhom għandhom jiġu tterminati wara l-2024, f'konformità mat-tul massimu tal-għotja. It-tieni u t-tielet ġenerazzjonijiet tal-KKI (EIT Saħħa u EIT Materja Prima, immedija fl-2014, u EIT Ikel, immedija fl-2016) qegħdin jimmaturaw. Il-KKI EIT Mobilità Urbana u EIT Manifattura ġew imdija t-tnejn f'Diċembru 2018 u bdew l-operazzjonijiet tagħhom fl-2019.

Sal-2019, kien hemm aktar minn 600 negozju, 250 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI)<sup>1+</sup>, 200 organizzazzjoni tar-riċerka<sup>2</sup> + u aktar minn 50 organizzazzjoni u awtorità tas-soċjetà ċivili li jipparteċipaw fit-tmien KKI tal-EIT.

---

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-noti ta' qiegħ il-paġna in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD)).

<sup>2</sup> Kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

Fl-isfond tad-disparitajiet reġjonali persistenti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa, fl-2014 l-EIT nieda skema ta' innovazzjoni reġjonali (RIS)<sup>1+</sup> biex iwessa' s-sensibilizzazzjoni reġjonali tiegħu lejn pajjiżi innovaturi modesti u moderati. Permezz tal-RIS, l-EIT espanda l-attivitajiet tiegħu madwar l-Ewropa u joffri opportunitajiet għall-pajjiżi (u għar-reġjuni f'dawk il-pajjiżi) bi prestazzjoni modesta u moderata tal-innovazzjoni kif ikklassifikata mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea (EIS) biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tat-trijangolu tal-għarfien bħala parti minn komunità tal-KKI.

L-EIT seta' jibqa' aġli u jiżviluppa l-prinċipji u r-regoli ta' governanza għall-ġestjoni b'suċċess tal-KKI tiegħu taħt l-umbrella komprensiva ta' Orizzont 2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 294/2008. L-indipendenza operattiva tiegħu ppermettietlu jittestja u jimplimenta b'mod effettiv għadd ta' novitajiet fil-ġestjoni tal-benefiċjarji tiegħu, bħal mekkaniżmu ta' finanzjament kompetittiv, miri tas-sostenibbiltà finanzjarja u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni speċifiċi.

---

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt 3.2 tas-SIA u l-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... u t-taqsima 3.2 ta' dan l-Anness.

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-noti ta' qiegħ il-paġna in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.)

## 1.2. Sfidi ewlenin

Fl-aħħar snin, il-pass tal-innovazzjoni żdied b'mod drammatiku. L-innovazzjoni qed tfassal mill-ġdid is-setturi ekonomiċi, tfixxkel in-negozji eżistenti u toħloq opportunitajiet bla preċedent. Fid-dawl ta' ordni ekonomiku globali li qed jinbidel u kompetizzjoni internazzjonali li qed tiżdied, l-Unjoni teħtieġ, fost l-oħrajn, li tinvolvi t-talenti kollha, iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa u trawwem trasferiment rapidu tar-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għas-suq u s-soċjetà, bil-għan li tiżdied il-kapaċità tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni. Id-disinn konġunt, il-kollaborazzjoni u l-ħolqien konġunt fid-dixxiplini kollha u bejn l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u n-negozju qatt ma kienu daqshekk importanti biex jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi globali relatati mat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi naturali, it-trasformazzjoni diġitali u soċjali, il-bidliet demografiċi u l-futur tal-kura tas-saħħa u tal-ikel.

L-ewwel nett, it-tixrid tal-COVID-19 kellu impatt kbir fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna, u dan fixxkel l-attivitajiet ekonomiċi, u affettwa s-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-impjiegi u l-benesseri. Sabiex tiġi indirizzata l-kriżi, tinħtieġ kombinazzjoni ta' miżuri fuq żmien qasir u miżuri li jħarsu 'l quddiem sabiex jingħata appoġġ immedjat lill-ekonomiji u lill-persuni kkonċernati, filwaqt li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet meħtieġa biex iseħħ l-irkupru.

Għalhekk huwa importanti li jiġu identifikati u indirizzati l-isfidi relatati mal-kriżijiet, inkluż l-aċċess għall-finanzi, sabiex tinbena mill-ġdid il-fiduċja fost il-persuni kkonċernati kollha kif ukoll jiġu appoġġati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet biex jittaffa l-impatt tal-kriżijiet fuq is-soċjetà. Fl-istess waqt, il-programmi li jappoġġaw l-innovazzjoni, il-ħolqien u l-aġġornament tal-impriżi u l-ħiliet intraprenditorjali u ta' innovazzjoni huma fundamentali biex l-ekonomija tal-Unjoni titpoġġa fit-triq it-tajba u biex jiġi xprunat irkupru rapidu.

L-ekosistemi tal-innovazzjoni aktar b'saħħithom urew li jirrispondu aktar malajr u b'mod aktar rizzolut għall-kriżijiet. Sabiex jiġi aċċellerat l-irkupru u jkunu jistgħu jiġu indirizzati emerġenzi futuri, l-investimenti fit-titjib tal-kapaċitajiet ta' koordinazzjoni fi ħdan l-ekosistemi tal-innovazzjoni huma essenzjali biex tiżdied ir-reżiljenza tagħhom u r-rispons tagħhom biex iwasslu minnufih is-soluzzjonijiet meħtieġa.

Fit-terminu medju u fit-tul, il-KKI kollha jeħtieġ li jadattaw għall-impatti tax-xokk u jiżguraw aġilità u flessibilità sabiex isibu u jfittxu opportunitajiet ġodda. Bis-saħħa tal-approċċ tagħhom "ibbażat fuq il-post" permezz tas-CLCs u ċentri tal-RIS<sup>1+</sup> madwar l-Ewropa, il-KKI jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali, fost l-oħrajn, billi jrawmu interazzjonijiet eqreb bejn l-atturi tat-trijangolu tal-għarfien u billi jiffavorixxu relazzjonijiet koordinati aħjar mal-istituzzjonijiet finanzjarji u pubbliċi, kif ukoll maċ-ċittadini.

---

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD)).

It-tieni, is-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-lum qegħdin ikunu mmexxija dejjem aktar mill-ħiliet u l-abbiltajiet tan-nies u tal-organizzazzjonijiet li jbiddu l-ideat fi prodotti, proċessi, servizzi, u mudelli ta' negozju u soċjetali ġodda. L-innovazzjoni, il-kultura intraprenditorjali, l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi u aktar investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni se jagħmlu d-differenza kollha jekk l-Unjoni trid tirnexxi fit-tranżizzjoni tagħha lejn soċjetà kompetittiva, diġitali, newtrali għall-klima u inklużiva. Hemm hteġa qawwija li tissaħħaħ aktar il-kollaborazzjoni bejn id-dixxiplini u t-tagħlim interdixxiplinari, kif ukoll il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-HEIs madwar l-Unjoni. L-EIT jinsab f'pożizzjoni unika li jwettaq dik il-hteġa fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

It-tielet, il-prossimità fiżika hija wieħed mill-fatturi ewlenin li jabilita l-innovazzjoni. L-inizjattivi mmirati biex jiżviluppaw networks ta' innovazzjoni u jipprovdu servizzi li jappoġġjaw il-ħolqien il-kondiviżjoni u t-trasferiment tal-għarfien, għandhom rwol ewleni fit-trawwim tal-interazzjonijiet bejn l-akkademiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi u l-individwi. Madankollu, il-prestazzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni, kif riflessi fl-EIS annwali, ivarjaw b'mod konsiderevoli. Huwa ta' importanza kruċjali li l-innovazzjoni tkun inklużiva u jkollha l-għeruq tagħha fit-territorji lokali, b'attenzjoni partikolari fuq l-involviment akbar tal-SMEs u tal-organizzazzjonijiet tat-tielet settur. L-attivitajiet tal-EIT huma adatti sew biex jikkontribwixxu għat-tiżiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali, għandhom dimensjoni Ewropea qawwija u jipprovdu mudelli ġodda għal ekonomija sostenibbli. L-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI għad iridu jsiru dejjem aktar marbuta mal-istrateġiji reġjonali u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti<sup>1+</sup>.

---

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

Ir-raba', l-ekosistemi tal-innovazzjoni vibranti jeħtieġu taħlita ta' għarfien, investiment, infrastruttura u talent. Jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet ta' qafas għall-kooperazzjoni bejn ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni Ewropej, flimkien ma' sinerġiji b'saħħithom sabiex jiżguraw l-investiment xieraq u effiċjenti ta' riżorsi skarsi u biex jimmobilizzaw sorsi oħrajn ta' finanzjament bil-għan li tinkiseb sostenibbiltà finanzjarja. It-tisħiħ tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien permezz tal-KKI, inkluż permezz tal-involviment ta' sħab ġodda f'setturi, pajjiżi u reġjuni oħrajn, huwa mod ipprovat sabiex jitrawwem ambjent li jwassal għall-innovazzjoni u huwa għan ta' gwida tal-EIT.

### 1.3. Il-pożizzjonament f'Orizzont Ewropa

Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha bis-siħ biex iżżid aktar il-potenzjal ta' innovazzjoni tal-Ewropa sabiex tkun tista' tirrispondi għall-isfidi tal-ġejjieni. Ir-rwol distintiv tal-EIT fit-trawwim tal-innovazzjoni billi jlaqqa' flimkien in-negozju, l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili huwa msaħħaħ mill-pożizzjonament tiegħu fil-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" ta' Orizzont Ewropa. Ir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> jirrifletti l-ambizzjoni dejjem tikber tal-Unjoni fejn tidħol l-innovazzjoni u l-ħtieġa li tintlaħaq dik l-ambizzjoni.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

L-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa għandu l-għan li jiżgura l-koerenza bejn l-attivitajiet tal-EIT u attivitajiet oħra skont ir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>. L-EIT għandu jikkontribwixxi għall-proċess strateġiku ta' koordinazzjoni għas-Sħubijiet Ewropej. L-EIT se jkompli jaħdem mill-qrib ma' korpi oħrajn ta' implimentazzjoni fil-qafas tal-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" ta' Orizzont Ewropa u juża l-aħjar sforzi biex jikkontribwixxi għal 'punt uniku ta' servizz' għall-innovazzjoni.

L-EIT għandu jkompli jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni, li jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, billi jrawwem l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien fl-oqsma tematiċi ta' attività tal-KKI.

Jinħtieġu sinerġiji b'saħħithom, anki permezz ta' kooperazzjoni fil-livell ta' governanza, bejn il-korpi ta' implimentazzjoni tal-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" ta' Orizzont Ewropa. L-EIT u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) għandhom imexxu attivitajiet komplementarji mmirati biex jissimplifikaw l-appoġġ ipprovdut lill-imprezi innovattivi, inklużi servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju u taħriġ.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

L-EIC jista' jgħin lin-negozji ġodda appoġġati mill-KKI b'potenzjal għoli ta' tkabbir sabiex jikbru b'mod rapidu. B'mod partikolari, l-aktar impriżi innovattivi appoġġati mill-KKI jistgħu jibbenefikaw minn aċċess simplifikat u, għaldaqstant, aktar rapidu għall-azzjonijiet tal-EIC, b'mod partikolari għall-appoġġ offrut mill-Aċċelleratur tal-EIC u mill-appoġġ finanzjarju offrut mill-Programm InvestEU stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Barra minn hekk, l-EIT għandu jiffaċilita l-aċċess tal-benefiċjarji tal-EIC għall-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-KKI u l-atturi rilevanti tat-trijangolu tal-għarfien. B'dan il-mod, il-benefiċjarji tal-EIC jistgħu jsiru involuti b'mod attiv fl-attivitajiet tal-KKI u jibbenifikaw mis-servizzi tal-KKI.

L-EIT għandu jiżgura l-koerenza mal-komponent tal-ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni tal-Pilastru III "Ewropa Innovativa" ta' Orizzont Ewropa. B'mod partikolari, l-EIT għandu jieħu sehem attiv fl-attivitajiet tal-Forum tal-EIC imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/...<sup>2+</sup> u għandu jistabbilixxi rabtiet bejn il-Komunità tal-EIT<sup>3++</sup> u l-attivitajiet rilevanti li jappoġġaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetà tal-azzjonijiet tal-EIT u tal-EIC.

---

<sup>1</sup>     Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p 30).

<sup>2</sup>     Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/... ta' ... dwar l-istabbiliment tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li jħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU ...).

<sup>+</sup>     ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument ST8967/20 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>3</sup>     Kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/...

<sup>++</sup>    ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD)).

L-EIT se jiżgura wkoll sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-azzjonijiet tiegħu u l-programmi u l-inizjattivi tal-Pilastru I "Xjenza Eċċellenti" ta' Orizzont Ewropa, biex jitħaffef it-trasferiment tal-għarfien li jirriżulta mir-riċerka mingħajr għan preċiż (blue sky) f'applikazzjonijiet konkreti li minnhom tibbenifika s-soċjetà. B'mod partikolari, fir-rigward tal-Azzjonijiet Marie-Skłodowska-Curie (MSCA) u l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), l-EIT għandu jikkollabora fuq l-iżvilupp tal-innovazzjoni u l-ħiliet intraprenditorjali tas-sħab tal-MSCA u l-benefiċjarji tal-ġhotjiet tal-ERC fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom. Dik il-kollaborazzjoni għandha tibqa' volontarja u m'għandhiex iżżid il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji.

L-EIT għandu jikkontribwixxi għall-Pilastru II Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea ta' Orizzont Ewropa u jikkomplementa l-attivitajiet rilevanti maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi globali u soċjetali u jrawmu t-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-Unjoni fuq skala globali. B'mod partikolari, permezz tal-KKI, l-EIT għandu jfittex li jikkontribwixxi għal missjonijiet u raggruppamenti tematiċi rilevanti u għal Sħubiji Ewropej oħrajn, u jiżgura sinerġiji aktar b'saħħithom magħhom, pereżempju billi jappoġġa miżuri min-naħa tad-domanda u jipprovdi servizzi ta' sfruttament sabiex jagħti spinta lit-trasferiment tat-teknoloġija u jaċċellera l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati miksuba.

L-EIT għandu jesplora opportunitajiet għal sinerġiji bejn il-parti "Twessigħ tal-Parteċipazzjoni u t-Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" ta' Orizzont Ewropa, inklużi l-attivitajiet ta' tlaqqigħ u ta' ġemellaġġ u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li huwa jappoġġa. B'mod partikolari, l-entitajiet fil-mira tal-parti "Twessigħ tal-Parteċipazzjoni u Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" ta' Orizzont Ewropa, kif ukoll l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-EIT, jistgħu jużaw l-għarfien espert u l-appoġġ tal-EIT.

## 2. NGĦOLLU L-LIVELL: L-ISTRATEĠIJA TAL-EIT U L-OBJETTIVI GĦALL-2011-2027

Matul il-perjodu 2021-2027, l-EIT għandu jkompli jappoġġa l-KKI sabiex isaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni li jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u soċjetali, f'komplementarjetà sħiħa ma' Orizzont Ewropa u ma' programmi oħra tal-Unjoni. Għandu jagħmel dan billi jrawwem l-integrazzjoni tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, biex b'hekk joħloq ambjenti li jwasslu għall-innovazzjoni, kif ukoll billi jippromwovi u jappoġġa ġenerazzjoni ġdida ta' imprendituri, jikkontribwixxi wkoll biex tonqos id-disparità intraprenditorjali bejn il-ġeneri u biex jistimola l-ħolqien ta' negozji innovattivi, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, f'sinerġija u komplementarjetà mill-qrib mal-EIC.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll għall-bilanċ bejn il-ġeneri u għall-approċċi sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, b'mod partikolari f'oqsma fejn in-nisa għadhom sottorappreżentati, bħal fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika. B'dan il-mod, abbażi tal-oqsma ta' intervent stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> l-EIT għandu, b'mod partikolari:

- (1) isaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni sostenibbli madwar l-Ewropa;
- (2) irawwem il-ħiliet ta' innovazzjoni u imprenditorjalità f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, inkluża ż-żieda fil-kapaċitajiet tal-HEIs madwar l-Ewropa;

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

- (3) johlq soluzzjonijiet ġodda għas-suq biex jindirizza l-isfidi globali; u
- (4) jiżgura sinerġiji u valur miżjud f'Orizzont Ewropa.

F'konformità mal-isfidi li qed jiffaċċja l-EIT u sabiex ikunu ta' kontribwut għall-oġġettivi ġenerali tiegħu kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> u, għaldaqstant, għall-impatt xjentifiku, ekonomiku, teknoloġiku u soċjetali ta' Orizzont Ewropa, l-oġġettivi speċifiċi tal-EIT għall-2021-2027 għandhom ikunu li:

- (a) iżid il-ftuħ, l-impatt u t-trasparenza tal-KKI u l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien madwar l-Unjoni;
- (b) iżid il-kapaċità intraprenditorjali u ta' innovazzjoni tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa kollha billi jippromwovi u jappoġġa tibdil istituzzjonali fl-HEIs u l-integrazzjoni tagħhom tal-HEIs fl-ekosistemi tal-innovazzjoni;
- (c) iżid is-sensibilizzazzjoni fuq livell reġjonali u lokali tal-EIT u tal-KKI, b'mod partikolari billi jinkludi medda usa' ta' partijiet ikkoċernati sabiex jindirizza d-disparitajiet fil-kapaċità tal-innovazzjoni u biex issaħħaħ l-għarfien u d-diffużjoni tal-innovazzjoni fl-Unjoni kollha.

L-EIT jista', fejn rilevanti, jirreaġixxi għall-kriżi tal-COVID-19 u kriżijiet potenzjali futuri bil-flessibbiltà meħtieġa billi jintegra inizjattivi rilevanti fl-istrateġija tiegħu sabiex jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u jgħin lill-partijiet ikkoċernati tal-EIT iħejju għall-irkupru ekonomiku.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD)).

### 3. NAGĦTU SPINTA LIT-TALENT U LILL-KAPAĊITÀ TA' INNOVAZZJONI FL-EWROPA: AZZJONIJIET EWLENIN

L-istrateġija tal-EIT għall-2021-2027 għandha tiffoka fuq l-azzjonijiet li jżidu l-valur fil-livell tal-Unjoni u jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' Orizzont Ewropa. L-ewwel nett, l-EIT għandu jkompli jappoġġa l-kapaċità u l-ekosistemi tal-innovazzjoni fl-Unjoni kollha permezz tal-KKI, l-iżvilupp ulterjuri, il-ftuħ għal sħab ġodda, it-trasparenza miżjuda, ir-rispett tal-prinċipji ta' governanza tajba u l-espansjoni tagħhom. It-tieni, billi jibni fuq l-esperjenza tiegħu fl-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien, l-EIT għandu jmexxi l-appoġġ u l-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni u intraprenditorjali tal-HEIs, li se jkunu implimentati permezz tal-KKI. It-tielet, permezz ta' miżuri trasversali aktar effettivi, l-EIT għandu jwettaq l-isforzi kollha meħtieġa biex jiżgura li l-viżibbiltà u l-impatt tiegħu fil-livell tal-UE jiżdiedu. Barra minn hekk, l-EIT għandu jtejjeb ukoll l-operazzjonijiet tiegħu sabiex iżid l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tiegħu, inkluż f'oqsma bħal li jiggwida lill-KKI lejn is-sostenibbiltà finanzjarja, il-ftuħ, is-sensibilizzazzjoni, it-trasparenza, il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tiegħu stess u tal-attivitajiet tal-KKI, involviment akbar tal-SMEs u tan-negozji ġodda, u l-bilanċ bejn il-ġeneri.

#### 3.1. Appoġġ għall-KKI eżistenti

L-EIT għandu jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni billi jkompli jappoġġa l-KKI eżistenti fl-indirizzar tal-isfidi globali permezz tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien fil-livelli tal-Unjoni, reġjonali u lokali. Għal dan il-għan, sehem kbir mill-baġit tal-EIT se jiġi ddedikat biex jappoġġja lill-KKI, u l-EIT għandu jsaħħaħ aktar il-pjattaforma tiegħu għat-tnedija, it-tkabbir u l-monitoraġġ tal-KKI.

L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jkomplu jsegwu s-sostenibbiltà finanzjarja sabiex jiksbu l-indipendenza finanzjarja mill-ġhotja tal-EIT wara mhux aktar tard minn 15-il sena wara t-tnedija tagħhom permezz tal-mobilizzazzjoni tal-investiment pubbliku u privat, filwaqt li tinżamm l-enfasi fuq l-integrazzjoni tal-attivitajiet tat-trijangolu tal-ġarfien.

L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jiżviluppaw u jimplimentaw strateġija sabiex jikkollaboraw u joħolqu interfaċċi u sinerġiji mas-Sħubiji Ewropej rilevanti, mal-missjonijiet u mal-EIC, kif ukoll ma' inizjattivi u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni u internazzjonali. Minbarra l-appoġġ finanzjarju, abbażi tat-tagħlimiet meħuda, l-EIT għandu jipprovdi superviżjoni strateġika u gwida lill-KKI. Abbażi tal-indikaturi elenkati, fost l-oħrajn, fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, l-EIT għandu jimmonitorja u janalizza l-prestazzjoni, l-investimenti ta' mobilizzazzjoni u l-impatti kwalitattivi u kwantitattivi differenti.

L-EIT għandu jagħmel l-aħjar sforzi biex jissimplifika t-terminoloġija relatata mal-istruttura ta' kull KKI, bil-għan li jkompli jissimplifika u jsaħħaħ ir-rikonossibilità tal-EIT.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

L-EIT għandu jistabbilixxi l-oqsma ta' kollaborazzjoni bejn il-KKI dwar temi ta' rilevanza strateġika u politika, u jippromwovi t-tisħiħ ta' din il-kollaborazzjoni. L-EIT għandu jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-KKI f'oqsma ta' interess komuni, b'mod partikolari billi jrawwem l-iskambji ta' esperjenzi u prattiki tajbin bejn il-KKI u kollaborazzjoni bejniethom (attivitajiet trasversali tal-KKI<sup>1+</sup>) kemm fuq suġġetti tematiċi kif ukoll orizzontali. L-attivitajiet trasversali tal-KKI għandhom l-ogħla potenzjal, fejn bosta KKI diġà jindirizzaw il-prijoritajiet ta' politika komuni tal-Unjoni fejn ma jeżistux KKI ddedikati. It-tlaqqiġ flimkien tal-komunitajiet tal-KKI differenti f'azzjonijiet konġunti ddedikati ta' benefiċċju reċiproku għandu potenzjal għoli għal sinerġiji u benefiċċji interdixxiplinari. L-EIT għandu jinkuraġġixxi lil dawn l-attivitajiet u jieħu sehem attiv fid-definizzjoni tal-kontenut u tal-istruttura tal-attivitajiet trasversali tal-KKI. Huwa għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet trasversali tal-KKI, kif ukoll ir-riżultati miksuba, bl-għan li jagħmel dawk l-attivitajiet parti integrali mill-istrateġiji multiannwali tal-KKI. L-EIT għandu wkoll jiffaċilita l-istabbiliment ta' servizzi kondiviżi trasversali tal-KKI bil-għan li jittrattaw b'mod konġunt il-kompiti operazzjonali komuni għall-KKI kollha.

---

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/... .

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/21 (2019/0151(COD)).

### 3.2. Żieda fl-impatt reġjonali tal-KKI

L-EIT għandu jkompli jżid l-impatt reġjonali tiegħu permezz ta' ftuħ imtejjeb u approċċ inklużiv tal-KKI lejn firxa wiesgħa ta' sħab u partijiet ikkonċernati potenzjali, tixrid u sfruttar imsaħħa tar-riżultati u permezz ta' strateġija reġjonali integrata aħjar tal-KKI. Kull KKI se tkun rikjesta tiżviluppa u timplimenta strateġija reġjonali bħala parti integrali tal-pjanijiet tan-negozju tiegħu bil-għan li jsaħħu r-relazzjoni mal-atturi tal-innovazzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-SMEs. Fejn ikun rilevanti, il-KKI għandhom juru rabtiet ma' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u mal-attivitajiet ta' pjattaformi tematiċi u inizjattivi interreġjonali, inkluż mal-awtoritajiet maniġerjali tal-Fondi strutturali u ta' investiment Ewropej (FSIE). L-EIT għandu jimmonitorja kontinwament l-implimentazzjoni ta' dawk l-istrateġiji, inkluż tal-effett ta' mobilizzazzjoni fuq l-FSIE.

Għandu jiġi integrat approċċ "ibbażat fuq il-post" ta' innovazzjoni fl-istrateġija pluriennali u l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-KKI u dan għandu jibni fuq is-CLCs u ċ-ċentri tal-RIS, sabiex b'hekk ir-rwol tagħhom jiġi mmobilizzat bħala portal għall-aċċess għal komunità ta' KKI, u għall-interazzjoni mas-sħab lokali fl-istess territorju, kif ukoll ma' atturi tal-innovazzjoni lokali oħrajn.

L-EIT għandu jissorvelja kif joperaw is-CLCs u ċ-ċentri tal-RIS u kif dawn jintegraw fl-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali.

L-EIT għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-RIS jintużaw sabiex jattiraw u jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' sħab ġodda potenzjali li jżidu l-valur lill-KKI, biex b'hekk tiġi estiża l-kopertura pan-Ewropea tal-EIT, u jkunu integrati b'mod sħiħ fl-istrateġiji pluriennali tal-KKI. L-RIS, immexxija mill-EIT u implimentata mill-KKI, sa issa tmexxiet fuq bażi volontarja. Mill-2021 'il quddiem, l-attivitajiet tal-RIS għandhom isiru obbligatorji u parti integrali mill-istrateġiji pluriennali tal-KKI. L-EIT għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-RIS jintużaw bħala pont lejn strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fis-setturi tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Barra minn hekk, il-KKI għandhom itejbu din l-integrazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' ċentri tal-RIS. Ċentru tal-RIS għandu jiġi stabbilit wara analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet u sejħa miftuħa. Dan għandu jkun parti mill-istruttura tal-KKI u jservi bħala punt fokali għall-attivitajiet tagħhom. L-oġġettiv tiegħu huwa li jimmobilizza u jinvolvi atturi lokali tat-trijangolu tal-għarfien fl-attivitajiet tal-KKI, jistabbilixxi sinerġiji fil-livell lokali, jidentifika opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjoni u jippromwovi l-integrazzjoni attiva tagħhom fl-ekosistemi. Bi qbil mal-istrateġija ta' espansjoni tal-KKI, iċ-ċentri tal-RIS jistgħu jwittu t-triq għall-istabbiliment ta' CLC fir-reġjun fil-mira.

L-EIT għandu jkompli jipprovdi gwida u appoġġ lill-KKI fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji pluriennali tal-RIS. L-attivitajiet tal-RIS għandhom ikomplu jappoġġjaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-pajjiżi (u r-reġjuni f'dawk il-pajjiżi) li għandhom prestazzjoni ta' innovazzjoni modesta u moderata skont l-EIS, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi fis-sens tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex titrawwem l-integrazzjoni tagħhom fil-komunitajiet tal-KKI. Dawn li ġejjin huma l-pajjiżi u r-reġjuni eliġibbli għall-attivitajiet tal-RIS (pajjiżi u reġjuni tal-RIS):

- (1) il-pajjiżi (u r-reġjuni f'dawk il-pajjiżi) li huma kklassifikati bħala innovaturi "moderati" jew "modesti" f'tal-inqas wieħed mit-tliet rapporti annwali tal-EIS maħruġa:
  - (a) fl-2018, fl-2019 and fl-2020 għall-2021-2024; u
  - (b) fl-2021, fl-2022 and fl-2023 għall-2025-2027; u
- (2) ir-reġjuni ultraperiferiċi.

Il-baġit tal-EIT iddedikat għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT għandu jkun mill-inqas 10 % u mhux aktar minn 15 % tal-finanzjament ġenerali tal-EIT għall-KKI eżistenti u daww ġodda, sabiex b'hekk jiżdied l-għadd ta' sħab tal-KKI minn reġjuni fil-mira. L-attivitajiet appoġġati permezz tal-RIS għandu jkollhom l-għan li:

- (1) jikkontribwixxu biex itejbu l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-ekosistemi reġjonali u lokali madwar l-Unjoni, permezz ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u interazzjonijiet aktar mill-qrib bejn l-atturi tal-innovazzjoni lokali, bħar-raggruppamenti, networks, awtoritajiet pubbliċi, HEIs, organizzazzjonijiet tar-riċerka, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-fornituri tat-taħriġ u SMEs, kif ukoll l-attivitajiet ta' daww l-atturi;
- (2) jappoġġaw l-oġettiv li jiġu mħajra sħab ġodda fil-KKI u jgħaqqdu l-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali mal-ekosistemi tal-innovazzjoni pan-Ewropej; u
- (3) jimmobilizzaw finanzjament privat u pubbliku addizzjonali, b'attenzjoni partikolari għall-FSIE.

### 3.3. It-tnedija ta' KKI ġodda

Sabiex jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi globali ġodda u emerġenti, l-EIT għandu jniedi sejħiet miftuħa u trasparenti għall-proposti għall-ħolqien ta' KKI ġodda f'oqsma ta' prijorità magħżula fost oqsma tematiċi ta' importanza strateġika u abbażi ta' kriterji li jivvalutaw, fost aspetti oħrajn, ir-rilevanza tagħhom għall-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni fir-rigward tal-indirizzar tal-isfidi globali u soċjetali, u l-valur potenzjali u miżjud tagħhom, li għandhom jiġu indirizzati permezz tal-mudell tal-EIT. It-tnedija ta' KKI ġodda għandha tqis l-ippjanar strateġiku ta' orizzont Ewropa u l-baġit allokat għall-EIT għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.. Il-kriterji tal-għażla rilevanti għas-Sħubiji Ewropej stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> għandhom jiġu inklużi fis-sejħa għall-proposti tal-KKI u għandhom jiġu vvalutati matul l-evalwazzjoni.

Abbażi ta' proposta mill-Bord tat-Tmexxija tal-EIT u analiżi tagħha, l-ewwel KKI ġdida fil-qasam tas-Setturi u l-Industriji Kulturali u Kreattivi (CCSI) hija proposta li titnieda mill-aktar fis possibbli fl-2022 jew fl-2023, b'sejħa għall-proposti li għandha tiġi ppubblikata, jekk ikun fattibbli, fl-2021. Dan il-qasam ta' prijorità għandu l-aktar komplementarjetà b'saħħitha mat-tmien KKI li jeżistu, kif ukoll mal-oqsma ta' prijorità potenzjali għal Sħubiji Ewropej oħrajn li għandhom jitnedew fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. Skeda informattiva li tiġbor fil-qosor l-isfidi fil-qasam tas-CCSI u l-impatt mistenni tal-KKI il-ġdida hija inkluża fl-Appendiċi 1.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

Huwa propost li fl-2026 titnieda t-tieni KKI ġdida fil-qasam tas-Setturi u l-Ekosistemi tal-Ilma, tal-Baħar u Marittimi (WMM), b'sejħa għal proposti li għandha tiġi ppubblikata fl-2025. Il-Kummissjoni, bl-assistenza ta' esperti indipendenti esterni, għandha twettaq analiżi ex-ante sal-2024 biex tevalwa r-rilevanza tal-qasamtal-WMM. Jekk l-analiżi jkollha konklużjoni negattiva, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta li temenda l-ASI 2021-2027, filwaqt li tqis il-kontribut tal-Bord ta' Tmexxija u l-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa. Fl-Appendiċi 2 hemm inkluzja skeda informattiva li tiġbor fil-qosor l-isfidi fil-qasam tad-WMM.

KKI ġodda oħra jistgħu jintgħażlu jekk ikunu disponibbli allokazżjonijiet ta' baġit addizzjonali għal dawk tal-EIT u għandhom iqisu l-kontribut tal-Bord tat-Tmexxija, l-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa u l-kriterji stabbiliti għall-għażla tas-Sħubiji Ewropej, b'mod partikolari l-ftuħ, it-trasparenza, il-valur miżjud tal-Unjoni, il-kontribut għall-SDGs, il-koerenza u s-sinerġiji.

3.4. L-għoti ta' appoġġ għall-kapaċità tal-innovazzjoni u intraprenditorjali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja

B'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-KKI, l-EIT għandu jfassal u jniedi proġett pilota li jappoġġja l-kapaċitajiet tal-innovazzjoni u intraprenditorjali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni (inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja), li se jiġi implimentat permezz tal-KKI, u li jibda fl-2021. Permezz tal-mudell ta' integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien, l-EIT qed tnaqqas id-diskrepanza persistenti bejn l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, l-EIT u l-KKI huma għodod essenzjali għall-iżvilupp tal-kapital uman permezz tal-enfasi distintiva tagħhom fuq l-innovazzjoni u l-edukazzjoni intraprenditorjali. Madankollu, l-impatt tal-EIT għandu jiġi estiż aktar lil hinn mis-sħab tal-KKI.

L-HEIs madwar l-Ewropa jeħtieġ li jkunu innovattivi u intraprenditorjali fl-approċċ tagħhom għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-involviment man-negozji u l-ekosistema tal-innovazzjoni reġjonali u lokali usa', inklużi s-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tat-tielet settur, bl-aktar mod inklużiv u li jipprovdi bilanċ bejn il-ġeneri, li jista' jinkiseb permezz ta' strateġija ċara, qafas ta' metodoloġija u bl-impenn ta' riżorsi.

L-attivitajiet tal-KKI relatati mal-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja għandhom jiġu implimentati b'mod miftuħ u b'sejħiet għal proposti trasparenti li jkollhom l-għan li jżidu l-kapaċità tal-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja, u jkunu mmirati l-iżjed lejn HEIs li ma jkunux sħab tal-KKI fil-ktajjen tal-valur tal-innovazzjoni u l-ekosistemi madwar l-Unjoni. L-attivitajiet għandhom jindirizzaw primarjament l-iżvilupp tal-kapaċità tal-HEIs, inkluż:

- (1) l-iskambju u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki fl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, inklużi t-tagħlim organizzattiv, it-taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, l-ikkowċjar u l-mentoraġġ;
- (2) l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati f'oqsma bħall-ġestjoni tal-innovazzjoni, il-ħolqien u l-iżvilupp ta' negozji ġodda, it-trasferiment tat-teknoloġija inkluż il-ġestjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, is-sostenibbiltà u n-newtralità tal-klima skont id-disinn, il-ġestjoni tal-persuni u l-ġestjoni organizzattiva, l-integrazzjoni tal-approċċi għall-ġeneru fl-innovazzjoni u l-involvement ta' partijiet ikkonċernati lokali u s-soċjetà ċivili; u
- (3) l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni u azzjonijiet ta' segwitu.

Dawk l-attivitajiet għandhom jinvolvu atturi oħra tat-trijangolu tal-għarfien, bħall-  
edukazzjoni vokazzjonali u fornituri tat-taħriġ, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-  
teknoloġija, l-SMEs u n-negozji ġodda, u għandhom jikkomplementaw l-intervent tal-EIT  
fuq l-edukazzjoni bħala l-parti ċentrali tal-attivitajiet ta' Integrazzjoni tat-Trijangolu tal-  
Għarfien tal-KKI. L-EIT għandu jippromwovi kollaborazzjoni trasversali tal-KKI aktar  
qawwija fi ħdan l-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja. Il-kriterji tal-  
eliġibbiltà li għandhom jiġu inklużi fis-sejthiet għandhom jiżguraw li l-biċċa l-kbira tal-  
finanzjament imur għand l-HEIs esterni mill-KKI. L-għan tal-proġett ta' inizjattiva dwar l-  
edukazzjoni għolja huwa li l-impatt tal-EIT ikun jilħaq lil hinn mill-KKI u jikkontribwixxi  
għall-missjoni ewlenija tal-EIT li tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u lill-  
kompetittività billi tissaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Istati Membri, f'konformità  
mal-miri ta' Orizzont Ewropa li jitrawmu ħliet intraprenditorjali u innovattivi f'perspettiva  
ta' taġlim tul il-ħajja, inkluża ż-żieda tal-kapaċitajiet tal-HEIs madwar l-Ewropa.

L-appoġġ tal-EIT għandu jibni wkoll fuq inizjattivi ta' politika bħall-oqfsa ta' HEInnovate<sup>1</sup> u RIIA<sup>2</sup> li wrew il-valur tagħhom f'għadd ta' HEIs u Stati Membri madwar l-Unjoni. L-EIT għandu jfassal l-attivitajiet ta' appoġġ f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-KKI, sabiex jiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà sħaħ mal-attivitajiet rilevanti fi ħdan Orizzont Ewropa, l-Erasmus+, stabbiliti mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2021/...<sup>3+</sup>, u programmi oħra tal-Unjoni.

- 
- <sup>1</sup> HEInnovate huwa qafas ta' politika żviluppat mill-Kummissjoni u mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). HEInnovate joffri lill-HEIs metodoloġija sabiex jidentifikaw l-oqsma ta' kapaċità tal-innovazzjoni għall-iżvilupp ulterjuri u sabiex ifasslu l-istrateġiji u l-azzjonijiet rilevanti bl-għan li jiksbu l-impatt mixtieq. HEInnovate huwa bbażat fuq evidenza metodoloġika soda bi tmien oqsma ta' żvilupp tal-kapaċità: It-Tmexxija u l-Governanza; It-Trasformazzjoni Diġitali; Il-Kapaċità Organizzattiva; It-Tagħlim u l-Apprendiment Intraprenditorjali; It-Tħejjija u l-Appoġġ lill-Imprendituri; L-Iskambju tal-Għarfien; L-Internalizzazzjoni; u l-Kejl tal-Impatt. L-OECD ippubblikat għadd ta' rapporti tal-pajjiżi bbażati fuq HEInnovate, ara s-serje tal-Istudji dwar il-Ħiliet tal-OECD fuq <https://www.oecd-ilibrary.org/education/>
- <sup>2</sup> Il-qafas tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Innovazzjoni Reġjonali (RIIA) ġie żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea bħala l-ewwel pass fil-gwida għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-innovazzjoni tal-universitajiet permezz tal-elaborazzjoni ta' studji ta' każijiet ibbażati fuq il-metriċi. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-innovazzjoni, pereżempju, permezz tal-qafas tal-RIIA, tista' potenzjalment tintrabat mal-istrumenti ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni tal-innovazzjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali.
- <sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Erasmus+: il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU ...).
- <sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 14148/20 (2018/0191(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Id-dettalji speċifiċi tal-proċess tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni u twassil għandhom jiġu żviluppati aktar u rfinati fl-ewwel tliet snin u għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ u evalwazzjoni matul din il-fażi pilota. L-evalwazzjoni tal-fażi pilota għandha titwettaq minn esperti indipendenti esterni u r-riżultati għandhom jiġu kkomunikati lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri (MSRG) u lill-Parlament Ewropew. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi jekk l-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja għandhiex jew titkompla u tiżdied jew inkella titwaqqaf.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jmxexxi u jissorvelja l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-KKI. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-iżgurar ta' approċċ miftuħ u inklużiv sabiex jiġu attirati l-HEIs lil hinn mis-sħab tal-KKI li jimmira għal kopertura ġeografika wiesgħa; approċċ interdixxiplinarju u intersettorjali; parteċipazzjoni usa' tan-nisa f'setturi fejn huma sottorappreżentati; u rabta mar-RIS, il-pjattaformi tematiċi rilevanti u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika meta jkun xieraq.

L-EIT għandu jsaħħaħ u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tat-tikketta tal-EIT lil hinn mill-KKI biex jinkludi l-HEIs li jipparteċipaw fl-azzjoni. Bl-involviment tal-atturi mit-trijangolu tal-għarfien kollu, l-EIT għandu jħabrek biex jgħaqqad l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja mat-Tikketta tal-EIT, li bħalissa qed tingħata lill-programmi ta' edukazzjoni tal-KKI.

L-EIT għandu jestendi wkoll it-Tikketta tal-EIT għal attivitajiet ta' taġġim tul il-ħajja, bħall-mentoraġġ, it-taħriġ vokazzjonali, programmi ta' taħriġ mill-ġdid, il-kisba ta' ħiliet ġodda, korsijiet online miftuħa massivi, li jinvolvu u jilħqu grupp fil-mira usa' ta' studenti, studenti adulti u istituzzjonijiet, inklużi istituzzjonijiet tal-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ, lil hinn mill-KKI. L-applikazzjoni tat-Tikketta lil hinn mill-komunità tal-EIT huwa mistenni li jkollha effett aktar strutturat fil-livelli kollha (indivdwal, tal-programm u tal-istituzzjoni).

L-EIT għandu jimmonitorja l-ġoti u l-espansjoni tat-Tikketta tal-EIT lill-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-KKI u jesplora mekkaniżmu ta' assigurazzjoni tal-kwalità aktar effettiv, inklużi r-rikonossiment u l-akkreditazzjoni esterni għat-Tikketta tal-EIT.

Biex jiżgura s-suċċess tal-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-EIT għandu jipprovdi gwida, għarfien espert u kkwċjar speċifiċi għall-HEIs parteċipanti u jkollu fil-mira tiegħu HEIs speċifiċi minn madwar l-Ewropa b'attenzjoni partikolari lill-HEIs minn pajjiżi (u reġjuni f'dawk il-pajjiżi). Li huma innovaturi moderati u modesti u minn reġjuni oħrajn bi prestazzjoni baxxa li jixtiequ jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tagħhom u jsaħħu l-impronta tal-innovazzjoni tagħhom u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

### 3.5. Attivitajiet trasversali tal-EIT

#### 3.5.1. Komunikazzjoni u disseminazzjoni

L-EIT u l-KKI għandhom jistinkaw biex itejbu u jsaħħu l-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tagħhom, u japplikaw strateġija ta' markar imtejba fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħhom fl-Istati Membri u lil hinn, f'konformità mal-approċċ ta' komunikazzjoni użat fir-rigward ta' Orizzont Ewropa. B'għadd dejjem jikber ta' KKI u l-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-EIT għandu jsaħha l-isforzi tiegħu biex iżid ir-rikonoxximent tal-appoġġ tal-Unjoni bħala marka ta' kwalità għall-innovazzjoni. Din il-ġestjoni tal-marka u l-komunikazzjoni mtejba huma kruċjali, speċjalment għaċ-ċittadini u għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, billi l-innovazzjonijiet li joħorġu mill-EIT jikkontribwixxu biex juru l-impatt konkret tal-investimenti tal-Unjoni permezz Orizzont Ewropa.

L-EIT għandu jħabrek biex iżid l-użu tan-networks ta' informazzjoni tal-Unjoni eżistenti u jipprovdi koordinazzjoni għall-attivitajiet tagħhom sabiex jiżgura konsulenza u gwida aħjar lis-sħab potenzjali tal-KKI. Tali żieda fl-użu u l-koordinazzjoni jistgħu jinkludu l-appoġġ tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-identifikazzjoni tas-sinerġiji meħtieġa flimkien mal-istrateġiji pluriennali tal-KKI. Sabiex jiżgura tixrid usa' u fehim aħjar tal-opportunitajiet offruti mill-EIT, l-EIT għandu jsaħħaħ il-gwida u l-assistenza dwar aspetti relatati mal-parteċipazzjoni fil-KKI madwar l-Ewropa billi jibni fuq in-networks ta' informazzjoni u strutturi eżistenti madwar l-Ewropa, b'mod partikolari l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali msemmija fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>.

Sabiex jiġi żgurat li komunità kbira ta' partijiet ikkonċernati tul it-trijangolu tal-għarfien fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni tkun konxja mis-sejthiet u l-proġetti ffinanzjati kollha tal-EIT (u l-KKI), dawn ser jidhru wkoll fil-Portal Ewropew tal-Opportunitajiet ta' Offerti u Finanzjament, taħt ir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

L-EIT għandu jorganizza laqgħat regolari tal-MSRG u tas-servizzi relatati mal-Kummissjoni, mill-inqas darbtejn fis-sena, biex jiżgura komunikazzjoni xierqa u fluss ta' informazzjoni mal-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinżammu debitament infurmati dwar il-prestazzjoni, il-kisbiet u l-attivitajiet tal-EIT u l-KKI. Barra minn hekk, l-MSRG għandu jagħti pariri lill-EIT dwar kwistjonijiet ta' importanza strateġika. Il-MSRG, flimkien mal-EIT, għandu jiżgura ukoll appoġġ xieraq biex jikkoordina u jippromwovi sinerġiji dwar attivitajiet appoġġati mill-EIT mal-programmi u l-inizjattivi nazzjonali jew reġjonali, u jikkondividi informazzjoni dwar il-kofinanzjament nazzjonali u reġjonali potenzjali ta' dawk l-attivitajiet.

L-EIT għandu jkompli jżid il-viżibbiltà tal-azzjoni tiegħu lejn iċ-ċittadini u l-komunità tal-EIT permezz tal-Forum tal-Partijiet Ikkonċernati<sup>1+</sup>, il-Premjijiet tal-EIT u l-Komunità ta' Alumni tal-EIT<sup>2</sup> bl-għan li jiġu promossi l-interazzjonijiet mal-atturi Ewropej tat-trijangolu tal-ġharfien u li jiġu rikonoxxuti l-innovaturi u l-intraprendituri l-aktar promettenti fl-Ewropa.

---

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/...

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

<sup>2</sup> Il-Komunità ta' Alumni tal-EIT tlaqqa' flimkien imprendituri u aġenti tal-bidla li pparteċipaw fi programm ta' edukazzjoni jew intraprenditorija mwassal minn KKI. Il-Komunità tirrappreżenta network ta' aktar minn 5 000 membru.

L-EIT għandu jkompli jmessi u jipprovdi gwida strateġika lill-Komunità ta' Alumni tal-EIT (b'kollaborazzjoni mal-Bord tal-Alumni tal-EIT) sabiex jimmassimizza l-impatt intraprenditorjali u soċjetali tiegħu u l-involviment kontinwu tal-membri tiegħu fl-attivitajiet appoġġati mill-EIT. Matul il-perjodu 2021–2027, il-Komunità tal-Alumni tal-EIT ser tkompli tikber u ser tinkludi wkoll l-alumni li jieħdu sehem fl-azzjonijiet li jappoġġaw il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-HEIs.

### 3.5.2. L-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin mal-partijiet ikkonċernati

L-EIT għandu jidentifika, jikkodifika, jikkondividi u jxerred b'mod effettiv, it-tagħlim u l-prattiki tajbin li jingħaqdu mill-attivitajiet iffinanzjati mill-EIT u, għal dak il-għan, jinvolvi ruħu mal-awtoritajiet tal-Istati Membri kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, b'mod partikolari mal-Panel tax-Xjenza u t-Teknoloġija tiegħu, filwaqt li jistabbilixxi djalogu strutturat u jikkoordina l-isforzi. Il-KKI u l-proġetti li jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-kapaċità intraprenditorjali tal-HEI huma mistennija li jkunu sors siewi ta' evidenza u tagħlim sperimentali għal dawk li jfasslu l-politika fil-qasam tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni għolja, kif ukoll fl-oqsma tematiċi differenti tagħhom.

Sal-lum, il-prattiki tajbin u t-tagħlimiet li joħorġu mill-KKI għadhom ma ġewx miġbura jew ikkodifikati jew disseminati b'mod effettiv biżżejjed. L-EIT għandu jkompli jiżviluppa r-rwol tiegħu bħala istitut tal-innovazzjoni li jista' jiskopri, janalizza, jikkodifika, jikkondividi u jiżgura l-adozzjoni ta' Prattiki innovattivi, lezzjonijiet u riżultati mill-attivitajiet iffinanzjati mill-EIT (appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ, għar-riċerka u għall-innovazzjoni u għall-intraprenditorija) fuq skala usa'. Din l-attività tal-EIT għandha tibni fuq ir-rabtiet u s-sinerġiji mal-inizjattivi l-oħrajn fi ħdan Orizzont Ewropa, b'mod partikolari il-EIC, il-Missjonijiet u s-Sħubiji Ewropej.

### 3.5.3. Kooperazzjoni internazzjonali u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni globali

L-EIT għandu jiżviluppa linji wesgħin ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-EIT u tal-KKI taħt is-supervizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT, f'konformità mal-approċċ ta' Orizzont Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> u politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni, u wara konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni rispettivi. L-EIT għandu jfittex li jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jkollhom impatt akbar permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali u għandu jikkoordina l-attivitajiet internazzjonali ffinanzjati mill-EIT mill-KKI. L-enfasi tiegħu għandha tkun li jallinja mill-qrib mal-għanijiet tal-politika rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha, u jiżgura l-valur miżjud tal-Unjoni. Meta l-preżenza fiżika tal-Kommunità tal-EIT f'pajjiż terz titqies meħtieġa biex jiżdied l-impatt u biex jintlaħqu l-oġettivi tagħha b'mod aktar effiċjenti, l-EIT għandu jiżgura l-koordinazzjoni tal-intervent, u jipprovdi inċentivi għall-isforzi konġunti tal-KKI.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

Fil-kooperazzjoni internazzjonali u fl-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni globali tiegħu, l-EIT, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jiffoka fuq l-indirizzar effettiv tal-isfidi globali, billi jikkontribwixxi għall-inizjattivi internazzjonali rilevanti u l-SDGs, u jiżgura l-aċċess għat-talent u provvista u domanda mtejba ta' soluzzjonijiet innovattivi. L-EIT għandu jimmonitorja mill-qrib dawk l-attivitajiet u jiżgura li dawn jikkonformaw mal-approċċ ta' Orizzont Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> u politiki rilevanti oħra tal-Unjoni.

### 3.6. Mit-teorija għall-prattika: modalità ta' operazzjoni

Din it-taqsimha tinkludi għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jadattaw u jtejbu l-funzjonament attwali tal-EIT u tal-KKI. Bord tat-Tmexxija effettiv, mogħti s-setgħa u strateġiku għandu jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri fil-livell tal-EIT u għandu jipprovdi l-inċentivi u l-kontroll meħtieġa, inkluż permezz tal-proċess tal-allokazzjoni ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-KKI jimplimentawhom.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

### 3.6.1. Mudell operattiv tal-KKI

L-EIT għandu jiżgura li l-implimentazzjoni tal-KKI tkun f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti rispettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, inkluż l-iżgurar tat-tranżizzjoni tat-tmien KKI eżistenti lejn it-tweqqif tal-kriterji l-ġodda ta' implimentazzjoni għas-Sħubiji Ewropej stabbiliti f'dak ir-Regolament. Għalhekk, l-EIT għandu jipprovdi gwida operattiva msaħħa għall-KKI u se jissorvelja kontinwament il-prestazzjoni tal-KKI sabiex jiżgura l-konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni tajba, il-governanza tajba, il-prinċipji ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>++</sup>, kif ukoll il-prinċipji u l-kriterji stabbiliti għas-Sħubiji Ewropej stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> u l-allinjament mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prijoritajiet u l-indikaturita' Orizzont Ewropa sabiex jimmassimizza l-prestazzjoni u l-impatt tagħhom, abbażi ta' strateġija ta' kollaborazzjoni fuq terminu twil bejn l-EIT u l-KKI. Għandhom jittieħdu miżuri korrettivi xierqa f'każ li l-KKI turi prestazzjoni aktar baxxa, tagħti riżultati inadegwati, tonqos milli tikseb l-impatt mistenni jew ma jkollhiex biżżejjed valur miżjud Ewropew.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

L-EIT għandu jiżgura li jitjiebu l-miżuri li jiżguraw l-ftuħ kontinwu tal-KKI għal membri ġodda kif ukoll it-trasparenza matul l-implimentazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu adottati u applikati kriterji ta' adeżjoni u ta' ħruġ trasparenti, çari u konsistenti għal membri ġodda li jżidu l-valur għas-sħubiji, kif ukoll dispożizzjonijiet oħra bħal proċeduri trasparenti għat-tħejjija tal-pjanijiet tan-negozju tagħhom, u bil-monitoraġġ sistematiku tal-attivitajiet tal-KKI. Il-KKI għandhom imexxu wkoll l-attivitajiet tagħhom b'mod kompletament trasparenti, inkluż permezz ta' sejħiet pubbliċi għall-identifikazzjoni u l-għażla tal-proġetti, is-sħab u l-attivitajiet l-oħra tagħhom, u għandhom jibqgħu sħubiji miftuħa u dinamiċi li sħab ġodda madwar l-Unjoni, inkluż sehem dejjem jikber ta' SMEs u negozji ġodda, li jżidu valur lis-sħubija jistgħu jissieħbu fihom abbażi tal-eċċellenza u r-rilevanza tal-innovazzjoni. Sabiex tiġi limitata l-konċentrazzjoni tal-finanzjament u jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-KKI jibbenifikaw minn network wiesa' ta' sħab, il-proċedura għat-tħejjija tal-pjanijiet tan-negozju tagħhom (inkluża l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet, l-għażla tal-attivitajiet u l-allokazzjoni tal-fondi) u deċiżjonijiet dwar il-finanzjament relatati għandhom isiru aktar trasparenti u inklużivi. L-istrateġiji pluriennali tal-KKI għandhom jindirizzaw l-espansjoni tas-sħubija, inkluż l-istabbiliment ta' CLCs ġodda li għalihom il-Bord ta' Tmexxija għandu jalloka baġit adegwat. Meta jiddeċiedi dwar il-finanzjament, il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis il-progress lejn il-miri indikati fl-istrateġiji pluriennali, fost oħrajn, l-għadd ta' CLCs. Il-KKI għandhom jagħmlu użu usa' ta' mekkaniżmi ta' finanzjament kompetittivi u jżidu t-trasparenza tas-sejħiet, b'mod partikolari għal proġetti li huma miftuħa għal partijiet terzi. Dawk il-miżuri kollha ser iżidu l-għadd ta' entitajiet parteċipanti involuti fl-attivitajiet tal-KKI. Fl-aħħar nett, il-KKI għandhom jirrappurtaw dwar l-involviment ta' sħab ġodda fir-rapportar regolari tagħhom bħala wieħed mill-elementi tal-finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni tagħhom.

Hekk kif il-KKI joperaw tul il-katina tal-valur kollha tal-innovazzjoni, huma għandhom jiżguraw bilanċ xieraq u kontinwu bejn it-tliet naħat tat-triangolu tal-għarfien u l-attivitajiet relatati fil-portafoll tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħhom. L-EIT għandu jimmonitorja l-operazzjonijiet tal-KKI biex jiżgura li dawn jiġu implimentati permezz ta' struttura modesta, effiċjenti u kosteffettiva li żżomm għal minimu l-kostijiet amministrattivi, ta' ġestjoni u l-kostijiet ġenerali. L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jipproduċu l-impatti mistennija tagħhom permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet, identifikati fil-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju, li jappoġġaw b'mod effettiv l-issodisfar tal-għanijiet tagħhom, inkluż l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-ekosistemi ta' innovazzjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali.

L-impenji mis-sieħeb ta' kull KKI għandhom jiġu żgurati permezz tal-monitoraġġ regolari tal-kontribuzzjonijiet tas-sieħeb attwali mqabbla mal-impenji oriġinali. L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jkollhom sistema ta' ġestjoni tar-riskji fis-seħħ għal każijiet fejn xi sħab ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-impenji oriġinali tagħhom. Fit-tfittxija tas-sostenibbiltà finanzjarja tal-attivitajiet tagħhom, il-KKI għandhom iħarsu lejn firxa wiesgħa ta' sorsi ta' dħul u ta' investiment. Għal dak il-għan, il-KKI għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-sħubija jibqgħu attraenti għal firxa wiesgħa ta' sħab potenzjali. Kwalunkwe miżata għas-sħubija jew għat-tagħlim ma għandhiex tikkostitwixxi ostaklu għall-parteċipazzjoni tas-sħab rilevanti f'KKI, b'mod partikolari għall-SMEs, in-negozji ġodda u l-istudenti.

### 3.6.2. Mudell ta' finanzjament tal-KKI

Permezz ta' mudell ta' finanzjament effiċjenti u ssimplifikat, l-EIT huwa mistenni li jtejjeb l-impatt u l-kontribut tal-KKI lejn il-kisba tal-għanijiet tal-EIT u tal-Programm Orizzont Ewropa, kif ukoll jinċentiva l-impenn mis-sħab tal-KKI. Sabiex iżid il-valur miżjud tal-appoġġ tiegħu, l-EIT għandu jadatta l-mudell ta' finanzjament tiegħu. L-EIT għandu jagħmel l-aħjar sforzi biex jiffaċilita tranżizzjoni bla xkiel bejn il-perjodi tal-QFP, b'mod partikolari għall-attivitajiet li jkunu għaddejjin. Hemm tlett oqsma ewlenin fejn l-EIT għandu jimplimenta titjib.

L-ewwel nett, l-EIT għandu jnaqqas gradwalment ir-rata ta' finanzjament tiegħu għal attivitajiet ta' valur miżjud għall-KKI<sup>1+</sup> sabiex iżid il-livelli tal-investimenti pubbliċi u privati, minbarra d-dħul mis-sħab tagħhom. L-adattament tal-mudell ta' finanzjament huwa mistenni li jiffaċilita l-kapaċità tal-KKI fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà finanzjarja. Huwa mistenni li l-KKI jiġu mħeġġa jnaqqsu gradwalment is-sehem tal-finanzzjament tal-EIT fil-pjan tan-negozju tagħhom matul iż-żmien kemm idumu l-ftehimiet ta' sħubija, filwaqt li jżidu l-livell ta' koinvestment minn sorsi mhux tal-EIT. Għandhom ikunu applikabbli rati ta' finanzjament tal-EIT li jonqsu għal attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI tul il-fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-KKI (il-bidu, iż-żieda, il-maturità, il-ħruġ mill-ġhotja tal-EIT) kif ippreżentat hawn taħt.

|                               | Bidu     | Żieda   | Maturità | Ħruġ mill-ġhotja tal-EIT                          |
|-------------------------------|----------|---------|----------|---------------------------------------------------|
| Snin                          | 1 – 4    | 5 – 7   | 8 – 11   | 12 – 15                                           |
| Rata ta' Finanzjament tal-EIT | Sa 100 % | Sa 80 % | Sa 70 %  | Sa 50 % fit-12-il sena, li tonqos b'10 % fis-sena |

Figura 1: Ir-rati ta' kofinanzjament tal-EIT għall-perjodu 2021–2027

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/...

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

L-attivitajiet ta' wħud mill-KKI, minħabba n-natura speċifika tagħhom, jistgħu jeħtieġu inċentivi ulterjuri biex jitwettqu. Għal dak il-għan, il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddeċiedi li japplika kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar favorevoli għal attivitajiet trasversali tal-KKI, attivitajiet tal-RIS u l-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja.

It-tieni, l-EIT għandu jiżgura li l-proċess ta' allokazzzjoni tal-għotjiet isegwi mudell ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-użu ta għotjiet pluriennali għandu jidied kemm jista' jkun. Il-finanzzjament tal-EIT għandu jkun marbut direttament mal-progress imwettaq fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 10 u l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup> u l-objettivi tal-KKI kif stabbiliti fil-pjanijiet tan-negozju tagħhom, u jistgħu jitnaqqsu, jiġu modifikati jew imwaqqfa f'każ ta' nuqqas ta' riżultati. L-EIT għandu, fost affarijiet oħra, jipprovdi inċentivi aktar b'saħħithom lill-KKI biex jinstabu sħab ġodda kif ukoll jieħu miżuri korrettivi, b'mod partikolari abbażi tal-prestazzjoni individwali tal-KKI biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' impatt.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

It-tielet, l-EIT għandu japplika regoli stretti għat-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' valutazzjoni komprensiv qabel l-iskadenza tal-ewwel perjodu inizjali ta' 7 snin ta' operazzjonijiet tal-KKI f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>. Din il-valutazzjoni komprensiva, li trid titwettaq bl-għajnuna ta' esperti esterni indipendenti għandha tkun konformi mal-aħjar prattika internazzjonali u mal-kriterji tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għas-Sħubiji Ewropej stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>++</sup>. Għandha sseħħ qabel ma jiskadi l-perjodu inizjali ta' seba' snin. Bħala riżultat tal-valutazzjoni komprensiva, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi li jew ikompli -kontribuzzjoni finanzjarja lil KKI, jew inkella jimmodifikaha jew iwaqqafha (u b'hekk ma jestendix il-ftehim ta' sħubija ma' dik il-KKI) u jalloka mill-ġdid ir-riżorsi għal attivitajiet bi prestazzjoni aħjar. Il-Bord tat -Tmexxija għandu jfittex l-opinjoni tal-MSRG qabel ma jadotta dik id-deċiżjoni.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

### 3.6.3. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv

L-EIT għandu jintensifika l-isforzi tiegħu lejn is-simplifikazzjoni sabiex inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-KKI, billi jippermetti l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tan-negozju u tal-istrategġiji pluriennali tagħhom b'aġilità u b'mod effiċjenti. Din is-simplifikazzjoni tista' tinkludi l-użu ta' somma f'daqqa jew kostijiet unitarji għall-attivitajiet rilevanti tal-KKI. Barra minn hekk, sabiex jipprovdi ppjanar aħjar tar-riżorsi, b'mod partikolari tal-attivitajiet ta' innovazzjoni, kif ukoll sabiex jiffaċilita impenn aktar b'saħħtu u investiment fit-tul mis-sħab li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-KKI, l-EIT għandu jiffirma ftehimiet ta' għotja pluriennali mal-KKI meta jkun xieraq, inklużi dispożizzjonijiet għal finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, taħt il-ftehimiet ta' sħubija rispettivi. Dawn il-ftehimiet ta' għotja pluriennali m'għandhomx jaqbżu t-tliet snin.

### 3.6.4. Ir-relazzjoni tal-EIT mal-KKI wara t-terminazzjoni tal-ftehim ta' sħubija

L-EIT għandu jiżviluppa l-prinċipji ġenerali għar-relazzjoni mal-KKI wara t-terminazzjoni tal-ftehim qafas ta' sħubija, f'konformità mal-qafas għas-Sħubiji Ewropej previst fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>. Abbażi ta' studju indipendenti fil-fond, li għandu jitwettaq sa tmiem l-2023, l-EIT għandu jistabbilixxi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, il-qafas ġenerali għar-relazzjonijiet tiegħu mal-KKI li l-ftehim ta' sħubija tagħhom jintemm jew jiskadi matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Dak l-istudju indipendenti fil-fond għandu jinkludi valutazzjoni tal-isforzi tal-KKI biex tikseb is-sostenibbiltà finanzjarja, id-dħul iġġenerat u l-perspettiva finanzjarja tal-KKI u għandu jidentifika kwalunkwe attività, li t-tkomplija tagħha tista' tkun f'periklu minħabba nuqqas ta' riżorsi. Soġġett għall-eżitu pożittiv ta' rieżami finali, l-EIT jista' jikkonkludi memorandum ta' kooperazzjoni<sup>1</sup> ++ma' KKI, bl-għan li jżomm kooperazzjoni attiva magħha wara t-terminazzjoni tal-ftehim ta' sħubija.

Il-memorandum ta' kooperazzjoni għandu jinkludi:

- (a) id-drittijiet u l-obbligi marbuta mal-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tat-triangolu tal-għarfien kif ukoll il-manutenzjoni tal-ekosistema u n-network tal-KKI;

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

<sup>1</sup> Kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/...

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

- (b) il-kundizzjonijiet għall-użu tal-marka tal-EIT u l-parteċipazzjoni fil-Premjijiet tal-EIT u finizjattivi oħra organizzati mill-EIT;
- (c) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni għolja u ta' taħriġ inkluż l-użu tat-tikketta tal-EIT għall-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u għar-relazzjonijiet mal-Komunità ta' Alumni tal-EIT;
- (d) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'sejħiet kompetittivi tal-EIT għal xi attivitajiet speċifiċi, inklużi l-attivitajiet trasversali tal-KKI u s-servizzi kondiviżi;
- (e) il-kundizzjonijiet għal appoġġ addizzjonali mill-EIT għal attivitajiet ta' koordinazzjoni transnazzjonali fost is-CLCs b'valur miżjud għoli tal-Unjoni.

B'kont meħud tar-risultati ta' studju indipendenti fil-fond, il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi t-tul ta' żmien, il-kontenut u l-istruttura tal-memorandum ta' kooperazzjoni, inklużi l-attivitajiet speċifiċi tal-KKI li jistgħu jiġu appoġġati skont il-punti (a) sa (e) tat-tieni paragrafu. Il-KKI għandhom ikunu intitolati jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-EIT skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-memorandum ta' kooperazzjoni, inkluża l-parteċipazzjoni f'sejħiet kompetittivi.

### 3.7. Sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi oħra tal-Unjoni

Billi jibni fuq l-ambitu wiesa' tal-azzjoni u r-rwol distintiv tiegħu bħala parti integrali ta' Orizzont Ewropa, l-EIT jinsab f'pożizzjoni tajba sabiex joħloq sinerġiji u jipprovdi komplementarjetajiet, filwaqt li jevita irduppar, ma' programmi jew strumenti oħrajn tal-UE, inkluż billi jsaħħaħ l-appoġġ tiegħu għall-KKI fl-attivitajiet ta' ppjanar u implimentazzjoni tagħhom. L-EIT huwa mistenni li jikkontribwixxi għal sinerġiji fuq terminu medju sa twil, fost l-oħrajn fir-rigward ta' dan li ġej:

Erasmus+

- L-EIT għandu jfittex li jistabbilixxi sinerġiji bejn l-Erasmus + u l-komunitajiet tal-EIT. Il-kooperazzjoni għandha tkun immirata lejn l-iżgurar tal-aċċess għall-istudenti tal-Erasmus+ li jipparteċipaw f'HEIs sħab tal-KKI u għall-iskejjel tas-sajf tal-KKI jew għal attivitajiet ta' taħriġ rilevanti oħrajn (pereżempju, dwar l-intraprenditorija u l-ġestjoni tal-innovazzjoni) u sabiex jiġu stabbiliti kuntatti man-network ta' alumni tal-KKI.

- L-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu wkoll l-għoti ta' taħriġ mill-EIT jew mill-KKI lill-persunal akkademiku (minn kwalunkwe HEI, lil hinn mill-KKI) għall-kurrikuli li jintegraw l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, kif ukoll l-ittestjar, l-adozzjoni u ż-żieda ta' prattiki innovattivi żviluppati fi ħdan in-networks tal-Erasmus (bħall-alleanzi għall-innovazzjoni bejn l-HEIs u n-negozji) minn KKI u viċi versa.
- Fejn possibbli, għandhom jiġu żgurati sinerġiji mal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, li jistgħu jgħinu fl-integrazzjoni tal-attivitajiet ta' edukazzjoni tal-EIT sabiex jintlaħaq impatt sistemiku.

Il-Programm Ewropa Diġitali, stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1+</sup>

- Il-KKI, b'mod partikolari is-CLCs, għandhom jikkollaboraw ma' Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/...<sup>++</sup> sabiex jappoġġjaw it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku.

---

<sup>1</sup> ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU ...).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument (2018/0227(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl (2018/0227(COD)).

- Għandhom jiġu esplorati l-fattibbiltajiet sabiex jintużaw l-infrastrutturi u l-kapaċitajiet żviluppati fi ħdan il-Programm Ewropa Diġitali (bħar-riżorsi tad-data u l-libreriji tal-algoritmi ta' intelliġenza artifiċjali u ċentri ta' kompetenza tal-informatika bi prestazzjoni għolja fl-Istati Membri) mill-KKI fl-educazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll għall-finijiet ta' ttestjar u dimostrazzjoni fi proġetti ta' innovazzjoni.

Il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, stabbiliti permezz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+))

- Il-KKI, permezz tas-CLCs u ċ-ċentri tal-RIS, għandhom jippromwovu kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali bejn l-atturi tat-trijangolu tal-ġharfien u l-awtoritajiet manidgerjali, f'sinerġija mal-kooperazzjoni interreġjonali u l-investimenti tul il-ktajjen tal-valur f'oqsma ta' prioritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-ħidma tal-pjattaformi tematiċi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Tali kooperazzjoni mal-awtoritajiet manidgerjali tista' twassal għall-inklużjoni tal-attivitajiet tal-KKI fil-programmi operazzjonali. L-EIT għandu jesplora wkoll il-kontribut għall-inizjattivi ta' żvilupp tal-ħiliet taħt il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki.

- L-EIT għandu jippromwovi l-kollaborazzjoni bejn il-KKI rilevanti u l-pjattaformi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, sabiex jiffaċilitaw is-sinerġiji bejn ir-riżorsi tal-EIT, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali oħrajn. L-għan huwa li tintlaħaq rappreżentanza usa' tal-attivitajiet tal-EIT madwar l-Unjoni, jissaħħu r-rabtiet mal-istrategġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u li l-RIS tintuża aħjar biex l-FSIE jiġu mmobilizzati fl-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI.

#### Il-Programm InvestEU

- Il-KKI għandhom ifittxu l-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Konsultattiv InvestEU sabiex jipprovdu appoġġ tekniku u assistenza lill-impriżi appoġġati mill-KKI għat-tnejn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġetti.
- Il-KKI għandhom jistinkaw biex jikkontribwixxu għall-Portal InvestEU biex iqarrbu lill-investituri u l-intermedjarji finanzjarji lejn l-impriżi appoġġati mill-KKI, b'kollaborazzjoni mill-qrib mas-servizzi tal-Kummissjoni u f'sinerġija mal-KKI.

Il-Programm Ewropa Kreattiva, stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1+</sup>

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 sa 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) 1295/2013 (ĠU ...).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl (2018/0190(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Il-Programm ġdid Ewropa Kreattiva huwa rilevanti, fost affarijiet oħra, għall-attivitajiet ta' KKI ġdida dwar is-CCSI. Għandhom jiġu żviluppati sinerġiji u komplementarjetajiet b'saħħithom mal-Programm Ewropa Kreattiva f'oqsma bħall-ħiliet kreattivi, l-impjiegi u l-mudelli tan-negozju.

Il-Programm għas-Suq Uniku, stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1+</sup>

Il-KKI għandhom ifittxu kooperazzjoni man-Network Enterprise Europe (EEN) u mal-Gruppi Settorjali tiegħu sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn negozju u ieħor, it-trasferiment tat-teknoloġija u s-sħubiji ta' innovazzjoni għal imprendituri li jixtiequ jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom fl-UE kollha u lil hinn minnha f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/...<sup>++</sup>. L-organizzazzjonijiet tal-EEN ser jippromwovu l-attivitajiet tal-KKI fost l-SMEs kliġenti tagħhom. L-EIT għandu jespjora l-kooperazzjoni dwar il-programmi ta' mobbiltà għall-imprendituri ġodda sabiex itejbu l-ħiliet intraprenditorjali tagħhom.

---

<sup>1</sup> ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm għas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, u (UE) Nru 652/2014 (ĠU ...).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħgħbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl (2018/0231(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħgħbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl (2018/0231(COD)).

4. L-indirizzar tal-kriżi li tirriżulta mit-tifqigħa tal-COVID-19

Il-bidliet soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi kbar li jirriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19 se jirrikjedu l-kollaborazzjoni tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni. L-EIT għandu jikkontribwixxi għall-isforzi ta' innovazzjoni meħtieġa billi jipprovdi rispons koerenti għall-kriżi tal-COVID-19.

L-EIT ser jiżgura li l-KKI jappoġġaw u jippromwovu t-twassil ta' soluzzjonijiet innovattivi f'oqsma differenti ta' azzjoni, bi qbil mal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Rikupru għall-Ewropa, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Industrijali tal-Unjoni l-għdida u l-SDGs, sabiex jagħtu kontribut għall-irkupru tas-soċjetajiet u l-ekonomija tal-Ewropa u jsaħħu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tagħhom.

B'mod partikolari, l-EIT għandu jiżgura li l-KKI jkunu jistgħu joperaw bil-flessibbiltà meħtieġa biex jadattaw għall-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll għal sfidi u priyoritajiet ġodda u mhux mistennija. Taħt is-superviżjoni u l-kontroll tal-EIT, il-KKI jistgħu jgħolqu miżuri li jkunuadatti għall-iskop li jappoġġaw u jżidu r-reżiljenza tal-ekosistemi tagħhom, b'mod partikolari s-sħab u l-benefiċjarji tagħhom u lil hinn mill-komunitajiet eżistenti tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni speċifika għal azzjonijiet li jkollhom l-għan li jżidu r-reżiljenza tal-mikrointrapriżi, tal-SMEs u tan-negozji ġodda, imma wkoll ta' studenti, riċerkaturi, intraprendituri u impjegati li ntliaqt partikolarment ħażin mill-kriżi tal-COVID-19.

Il-KKI huma mistiedna wkoll jisfruttaw is-sinerġiji ma' inizjattivi u sħubijiet oħra tal-Unjoni, bil-ħsieb li jappoġġaw is-saħħa tal-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-Ewropa.

Fl-adattament għas-sitwazzjoni l-ġdida, il-KKI jistgħu jagħmlu użu minn għodod, strumenti, informazzjoni u servizzi ta' appoġġ kollaborattivi innovattivi biex jiżguraw kollaborazzjoni u interazzjoni fi ħdan il-komunitajiet tagħhom.

L-EIT, filwaqt li jfittex sinerġiji ma' programmi u aġenziji oħra tal-Unjoni, jista' jipproponi inizjattivi bbażati fuq l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien bil-għan li jappoġġaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni fl-Unjoni. Għal dak il-għan, l-EIT jista' jippromwovi attivitajiet trasversali ġodda tal-KKI biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19.

## 5. RIŻORSI

### 5.1. Ħtiġijiet tal-baġit

Il-ħtiġijiet tal-baġit tal-EIT fil-perjodu 2021-2027 huma ta' EUR 2 965 000 000 u huma bbażati fuq tliet komponenti ewlenin: (1) in-nefqa għat-tmien KKI eżistenti (li tirrifletti li, għal tlieta minnhom, il-ftehimiet ta' sħubija se jiġu fi tmiemhom sal-2024) u t-tnedija ta' żewġ KKI ġodda (wieħed fl-2022 jew fl-2023 u t-tieni wieħed fl-2026); (2) in-nefqa amministrattiva tal-EIT; u (3) l-ispejjeż għat-tħejjija, il-monitoraġġ, il-kontroll, l-awditjar, l-evalwazzjoni u attivitajiet u nefqiet oħra meħtieġa għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tiegħu skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE) 2021/ ...<sup>+</sup>.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

Madwar EUR 2 854 000 000 (96 % tal-baġit totali tal-EIT) huma previsti biex jiffinanzjaw il-KKI eżistenti u ġodda li minnhom:

- (a) mill-inqas 10 % u massimu ta' 15 % għandhom jiġu ddedikati għall-RIS;
- (b) massimu ta' 7 % għandhom jiġu ddedikati għal attivitajiet trasversali tal-KKI, inkluż appoġġ għall-KKI li għalihom il-ftehim qafas ta' sħubija jkun skada jew intemm;
- (c) massimu ta' 3 % għandhom jiġu ddedikati għall-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja ta' tliet snin.

Permezz tal-introduzzjoni ta' rata ta' finanzjament tal-EIT li tonqos gradwalment, il-KKI huma mistennija li jimmobilizzaw EUR 1 500 000 000 oħra minn sorsi pubbliċi u privati oħrajn. Il-baġit għat-tnedija ta' żewġ KKI ġodda (waħda li għandha titnieda malajr kemm jista' jkun fl-2022 jew fl-2023 u t-tieni li għandha titnieda fl-2026) ser tkun madwar EUR 300 000 000. Jekk isiru disponibbli allokazżjonijiet baġitarji addizzjonali għal dawg tal-EIT, l-EIT jista' jniedi wkoll KKI addizzjonali.

L-EIT għandu jkompli jkun organizzazzjoni effiċjenti u dinamika. Il-kostijiet tan-nefqa amministrattiva tal-EIT, li jkopru l-kostijiet neċessarji tal-persunal, amministrattivi, tal-infrastruttura u operazzjonali, m'għandhomx, bħala medja, jeċċedu t-3 % tal-baġit tal-EIT. Parti min-nefqa amministrattiva hija koperta mill-Ungerija permezz tal-forniment ta' spazju għal uffiċini mingħajr ħlas sal-aħħar tal-2029. Għal dan l-għan, se jsir sforz kbir biex jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi tal-KKI li, fi kwalunkwe każ, għandhom jinżammu baxxi kemm jista' jkun.

## 5.2. Impatt (monitoraġġ u evalwazzjoni)

Il-kejl tal-impatt tal-EIT huwa mistenni li jitlej kontinwament matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss billi jitqiesu l-lezzjonijiet meħuda, u l-esperjenzi miksuba sa issa u l-ħtieġa li jiġu simplifikati l-prattiki tiegħu ma' dawh ta' Orizzont Ewropa. L-EIT għandu japplika qafas ta' evalwazzjoni, rapportar u monitoraġġ f'konformità mal-Artikoli 10, 11 u 20 tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, u jiżgura koerenza mal-approċċ ġenerali li ttehd għal Orizzont Ewropa filwaqt li jaħseb għall-flessibbiltà. B'mod partikolari, iċ-ċrieki ta' informazzjoni reċiproka bejn il-Kummissjoni, l-EIT u l-KKI għandhom jitlejbu biex l-għanijiet jiġu indirizzati b'mod konsistenti, koerenti u effiċjenti.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

### 5.2.1. Rapportar u monitoraġġ

L-EIT għandu jtejjeb is-sistema ta' monitoraġġ attwali tiegħu u jintroduċi qafas ta' rapportar u monitoraġġ, inklużi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, allinjati mal-indikaturi ta' modalità tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. Ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni operattiva tal-KKI, inkluża n-nefqa amministrattiva tagħhom u r-risultati tagħhom, ser ikunu kompitu primarju tal-EIT u għandhom jiġu implimentati b'kooperazzjoni mas-servizzi korporattivi komuni ta' Orizzont Ewropa fi ħdan il-Kummissjoni. Is-sistema ta' rapportar u monitoraġġ għall-KKI għandha tkun inkorporata fis-sistema ta' monitoraġġ ġenerali ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' mudelli ta' data komuni, inkluż il-ġbir tad-data maħżuna f'bażi tad-data ta' Orizzont Ewropa. Il-Kummissjoni għandha tiegħu sehem fit-tfassil konġunt tal-indikaturi u l-għodod tal-impatt u tal-monitoraġġ rilevanti kollha żviluppati jew applikati mill-EIT sabiex tiżgura l-koerenza mas-sistema ta' monitoraġġ ġenerali ta' Orizzont Ewropa, inklużi l-indikaturi tal-modalità tal-impatt, il-kriterji għas-sħubiji ewropej u l-proċess tal-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa. Il-proċeduri ta' monitoraġġ kontinwu, kif ukoll proċeduri ta' rieżami interim u valutazzjoni globali, inkluż l-istabbiliment ta' sett robust ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi u l-linja bażi u l-miri relatati tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Barra minn hekk, l-EIT għandu jqis l-iskjerament tal-metodoloġija tar-radar tal-innovazzjoni f'Orizzont Ewropa, u għandu jespjora kif ir-radar tal-innovazzjoni jista' jintuża mill-KKI għat-titjib tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tiegħu.

Ir-riżultati ta' tali monitoraġġ għandhom jikkontribwixxu għall-proċessi tal-ippjanar tan-negozju pluriennali tal-KKI u jiddeterminaw l-allokazzjoni ta' finanzjament għall-attivitajiet tal-KKI bbażat fuq il-prestazzjoni tal-EIT u dwar it-tnejja tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-ftehimiet dwar l-għotjiet mal-KKI bħala benefiċjarji. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-KKI mistennija jikkontribwixxu għall-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għas-Sħubiji Ewropej.

L-attivitajiet tal-EIT, inklużi daww ġestiti permezz tal-KKI, huma mistennija li jkollhom:

- (1) impatt teknoloġiku, ekonomiku u ta' innovazzjoni billi jinfluwenzaw il-ħolqien u t-tkabbir tan-negozji, kif ukoll il-ħolqien ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali, jinħolqu impjiegi diretti u indiretti u jiġu mmobilizzati investimenti pubbliċi u privati addizzjonali;
- (2) impatt xjentifiku u edukattiv billi jsaħħu l-kapital uman fir-riċerka u l-innovazzjoni, billi jtejbu l-ħiliet innovattivi u intraprenditorjali kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak organizzazzjonali, kif ukoll billi jrawmu l-ħolqien u t-tixrid tal-għarfien u l-innovazzjoni b'mod miftuħ fis-soċjetà;

- (3) impatt soċjetali, inkluż impatt li ġej mill-ħolqien ta' soluzzjonijiet sistemiċi fi ħdan u lil hinn mill-Komunità tal-EIT, kif ukoll permezz ta' attivitajiet inter-KKI, billi jindirizzaw il-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni fl-oqsma tat-tibdil fil-klima (bħal mitgazzjoni, l-adattament u r-reżiljenza), l-enerġija, il-materja prima, is-saħħa, il-manifattura b'valur miżjud, id-diġitali, il-mobbiltà urbana, l-ikel, il-kultura u l-kreattività, jew l-ilma permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi, involviment maċ-ċittadini u mal-utenti finali u billi jsaħħu l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi f'dawn l-oqsma fis-soċjetà;

L-EIT għandu jiżgura l-iżvilupp tal-indikaturi soċjetali speċifiċi fl-oqsma ta' attività tal-KKI u għandu jwettaq il-monitoraġġ regolari tiegħu f'konformità mal-qafas ta' Orizzont Ewropa għall-impatt soċjetali.

L-impatti msemmija fit-tielet paragrafu għandhom jitkejlu, fost oħrajn, skont l-indikaturi ta' modalità tal-impatt stabbiliti fl-Anness V għar-Regolament [UE] 2021...<sup>+</sup>.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

Għandhom jiġu żviluppati indikaturi addizzjonali, inklużi indikaturi tal-impatt soċjetali fl-oqsma ta' attività tal-KKI, mill-EIT flimkien mal-Kummissjoni f'konformità mal-iżvilupp tal-qafas tal-indikaturi ta' Orizzont Ewropa u dawn għandhom jirriflettu l-approċċ ġenerali għas-Sħubiji Ewropej sabiex jikkontribwixxu għall-impatt xjentifiku, ekonomiku u soċjetali. L-allinjament tal-indikaturi tal-impatt ma' Orizzont Ewropa għandu l-għan li jissorvelja l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti tal-EIT matul iż-żmien. Dan se jiżgura bażi ta' evidenza komparattiva dwar ir-riżultati u l-impatti ġġenerati mill-KKI vis-à-vis Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, l-EIT għandu jiżgura li s-sistema ta' monitoraġġ tiġbor il-progress fir-rigward tal-attivitajiet speċifiċi għall-mudell tal-KKI, bħall-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien u l-ħiliet intraprenditorjali. L-indikaturi dwar l-attivitajiet relatati mal-edukazzjoni tal-EIT (inklużi dawk li jappoġġjaw il-kapaċitajiet tal-HEIs) għandhom jimmonitorjaw pereżempju:

- (1) l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet tal-kapital uman (għal żmien qasir), u l-involviment tal-HEI u t-titjib tal-kapaċità (fuq terminu qasir);
- (2) il-karriera u r-rwol u l-prestazzjoni tal-HEIs fl-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali (terminu medju); u
- (3) il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-rwol u l-prestazzjoni tal-HEIs fl-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali (terminu twil);

Il-monitoraġġ kontinwu tal-KKI għandu jitwettaq b'mod effiċjenti u jindirizza, fost affarijiet oħra, dan li ġej:

- (1) il-progress lejn is-sostenibbiltà finanzjarja b'mod partikolari l-ingranaġġ ta' sorsi ġodda ta' investimenti;
- (2) il-progress lejn kopertura u ftuħ pan-Ewropej, kif ukoll it-trasparenza tal-governanza;
- (3) l-effettività fl-aċċellerazzjoni tan-negozju (jiġifieri, impriżi maħluqa u appoġġjati b'rata għolja ta' tkabbir);
- (4) l-ispejjeż amministrattivi u ta' ġestjoni ta' kull KKI;
- (5) l-operazzjonijiet taċ-ċentri u l-entitajiet tas-CLCs u tal-RIS u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali;
- (6) l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż l-użu estiż tat-tikketta tal-EIT.

It-tabella segwenti tistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u miri li mistennija jiġu ssorveljati mill-EIT fil-perjodu 2021–2027. Dawk l-indikaturi jipprovdu l-orjentazzjonijiet ewlenin tal-input u tal-output għall-monitoraġġ tal-kisba tal-għanijiet ewlenin tal-EIT għall-perjodu 2021–2027, bħalma huma t-trawwim tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija permezz ta' edukazzjoni aħjar, iż-żieda tal-impatt reġjonali u lokali u l-ftuħ tiegħu lejn is-sħab potenzjali u l-partijiet ikkonċernati, l-iżgurar ta' bilanċ bejn id-dħul u l-ispejjeż, il-ħolqien ta' CLCs ġodda u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda għall-isfidi globali għas-suq.

| Indikaturi tal-Ġestjoni tal-EIT                                                                                                        | Mira 2023<br>(linja bażi 2020) | Mira 2027<br>(linja bażi 2020) |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------|--------------------------------|
| L-għadd ta' entitajiet/organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI                                          | Żieda ta' 20 %                 | Żieda ta' 50 %                 |
| L-għadd ta' innovazzjonijiet (prodotti u servizzi) immedija fis-suq                                                                    | 1 500                          | 4 000                          |
| L-HEIs involuti fl-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI                                                                                      | 285                            | 680                            |
| L-għadd ta' studenti involuti fl-attivitajiet ta' edukazzjoni tal-EIT u tal-KKI                                                        | 8 500                          | 25 500                         |
| L-għadd ta' negozji ġodda appoġġati                                                                                                    | 300                            | 700                            |
| Il-finanzjament tal-KKI                                                                                                                | EUR 700 000 000                | EUR 1 500 000 000;             |
| L-għadd ta' entitajiet/organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI minn reġjuni barra r-reġjuni CLC tal-KKI | Żieda ta' 50 %                 | Żieda ta' 100 %                |

Sabiex itejjeb il-ftuħ u t-trasparenza, l-EIT għandu jiżgura li d-data tal-proġett li jiġbor permezz tas-sistema ta' monitoraġġ intern tiegħu, inklużi r-riżultati mill-KKI, tkun aċċessibbli u integrata bis-siġħ fis-sistema ġenerali tal-ġestjoni tad-data tal-programm Orizzont Ewropa. L-EIT għandu jiżgura li l-informazzjoni dettaljata li tirriżulta mill-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tiegħu tiġi magħmula disponibbli fil-ħin u tkun aċċessibbli fil-bażi ta' data ta' Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, l-EIT għandu jiżgura rapportar iddedikat dwar l-impatti kwantitattivi u kwalitattivi, inkluż dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji impenjati u effettivament ipprovduti.

#### 5.2.2. Evalwazzjoni, rieżami interim u valutazzjoni komprensiva

L-evalwazzjonijiet perjodiċi indipendenti tal-attivitajiet tal-EIT, inklużi dawk ġestiti permezz tal-KKI, għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2021/...<sup>+</sup> u (UE) 2021/...<sup>++</sup>.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

B'mod konformi mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, l-evalwazzjoni interim għandha tivvaluta, fost oħrajn, ir-riżultat u l-impatti tal-inizjattiva pilota fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-effikaċja tal-istrateġiji tas-sostenibbiltà finanzjarja tal-KKI, l-impatt tal-attivitajiet tal-RIS u l-kollaborazzjoni bejn l-EIT u l-korpi ta' implimentazzjoni taħt il-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" ta' Orizzont Ewropa. F'dan ir-rigward, dawn l-evalwazzjonijiet tal-EIT għandhom, b'mod partikolari, jivvalutaw l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-attivitajiet tal-EIT, anki permess tal-KKI. Dawn għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, bl-assistenza ta' esperti esterni indipendenti, u għandhom jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa mwettqa mill-Kummissjoni, anki fid-dawl ta' valutazzjoni sistemika tal-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" tal-Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tal-‘punt uniku ta' kuntatt’ għall-innovazzjoni.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

Kull KKI għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni komprensiva mwettqa mill-EIT, taħt is-supervizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija u bl-appoġġ ta' esperti esterni indipendenti qabel tmiem il-perijodu ta' seba' sena tal-ftehim ta' sħubija, kif ukoll għal rieżami finali qabel it-tmiem tiegħu. Abbażi ta' valutazzjoni komprensiva, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi jekk jestendix il-ftehim ta' sħubija iktar mill-ewwel seba' snin, filwaqt li r-rieżami finali għandu jintuża bħala bażi li fuqu jiġi nnegozjat memorandum ta' kooperazzjoni possibbli. Meta jwettaq dawk il-valutazzjonijiet, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis b'mod partikolari l-kriterji ta' implimentazzjoni, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni stipulati għas-Sħubiji Ewropej fir-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, il-kisba tal-oġġettivi tal-KKI, u l-koordinazzjoni tiegħu ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u innovazzjoni, il-livell tiegħu ta' sostenibbiltà finanzjarja, il-kapaċità tiegħu li jiżgura l-ftuħ għal membri ġodda u l-kisba tiegħu f'li jiġbed membri ġodda, fil-limiti tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, il-valur miżjud tal-Unjoni u r-rilevanza fir-rigward tal-oġġettivi tal-EIT.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, l-EIT għandu, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, iwettaq rieżamijiet interim tal-prestazzjoni u l-attivitajiet tal-KKI li jkopru l-ewwel tliet snin tagħhom tal-ftehim ta' sħubija (jiġifieri l-fażi inizjali tal-KKI) u, jekk ikun il-każ, it-tliet snin wara l-estensjoni tagħhom (jiġifieri l-fażi ta' maturità). Dawk ir-rieżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-monitoraġġ kontinwu mwettaq mill-EIT; Huma għandhom jgħinu lill-Bord tat-Tmexxija biex jikseb indikazzjonijiet bikrin dwar il-prestazzjoni tal-KKI fir-rigward tal-istrateġiji u l-miri tagħhom, kif ukoll dwar il-konformità mal-indikazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija.

Skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>, fil-każ li l-monitoraġġ kontinwu, ir-rieżami interim jew il-valutazzjonijiet komprensivi ta' KKI juru progress inadegwat f'oqsma msemija fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, jew nuqqas ta' valur miżjud tal-Unjoni, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu miżuri korrettivi xierqa. Il-miżuri korrettivi jistgħu jieħdu l-forma ta' tnaqqis, modifika jew irtirar tal-kontribut finanzjarju tal-EIT jew it-terminazzjoni ta' ftehim ta' sħubija, kif ukoll rakkomandazzjonijiet vinkolanti relatati mal-attivitajiet, jew is-suġġerimenti tal-KKI għall-adattamenti għall-mudell tal-implimentazzjoni u l-mudell operazzjonali tagħhom.

Ir-riżultati ta' dawk ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet interim għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, ikkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u trażmessi fil-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għas-Sħubiji Ewropej.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħgħbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 8/2021 (2019/0151(COD)).

## Appendiċi 1

Skeda informattiva dwar il-KKI fis-Setturi u l-Industriji Kulturali u Kreattivi (CCSI)

### I. L-Isfida

KKI fis-CCSI<sup>1</sup> jista' jgħib soluzzjoni orizzontali għal firxa ta' sfidi li qegħdin jiżdiedu, li huma ta' natura permanenti u jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni. Dawk l-isfidi jistgħu jinġabru f'erba' pilastri:

- (1) Il-kreattività, id-diversità kulturali u lingwistika fl-Ewropa;

---

<sup>1</sup> Is-CCSI jikkonċernaw is-setturi u l-industriji kollha li l-attivitajiet tagħhom huma bbażati fuq valuri kulturali, diversità kulturali u/jew espressjonijiet artistiki u espressjonijiet kreattivi oħra individwali u/jew kollettivi, kemm jekk dawn l-attivitajiet huma orjentati lejn is-suq u kemm jekk mhumix, hu x'inhum t-tip ta' struttura li twettaqhom u irrispettivament minn kif dik l-istruttura tiġi ffinanzjata. Dawk l-attivitajiet jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet u ta' talent b'potenzjal li jiġġeneraw l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-ġid u tal-impjiegi permezz tal-produzzjoni ta' valur soċjali u ekonomiku, inkluż mill-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali. Dawk l-attivitajiet jikkonċernaw ukoll l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-ħolqien, id-disseminazzjoni u l-preservazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiki jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll funzjonijiet relatati bħall-edukazzjoni u l-ġestjoni. Is-setturi kulturali u kreattivi jinkludu, fost l-oħrajn, l-arkitettura, l-arkivji, l-arti, il-libreriji u l-mużewijiet, is-sinjura artistiki, il-midja awdjoviżiva (inklużi l-films, it-televiżjoni, il-logħob tal-komputer, il-multimidja u l-mużika rrekordjata), il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn, l-industriji u l-moda ta' livell għoli xprunati mill-kreattività, il-festivals, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu (inklużi t-teatru u ż-żfin), il-kotba u l-pubblikazzjonijiet (il-gazzetti u r-rivisti), ir-radju u l-arti viżiva, u r-reklamar.

- (2) L-identità u l-koeżjoni Ewropej;
- (3) L-impjiegi, ir-reżiljenza ekonomika u t-tkabbir intelliġenti tal-Ewropa; u
- (4) L-Ewropa bħala attur globali.

Il-kreattività u d-diversità kulturali tal-Ewropej jiddependu fuq CCSI robusti. Madankollu, daww is-setturi qed jiffaċċjaw għadd ta' sfidi bħala riżultat taż-żieda fil-kompetizzjoni mill-parteċipanti globali u l-bidla diġitali.

- Il-produtturi, il-ħallieqa, id-distributuri, ix-xandara, it-teatri taċ-ċinema u t-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet u negozji kulturali jeħtieġ li jinnovaw sabiex jattiraw udjenzi ġodda u jespandu, u biex jiżviluppaw proċessi, servizzi, kontenut u Prattiki ġodda li jgħibu magħhom valur għas-soċjetà.
- In-nuqqas ta' ħiliet intraprenditorjali u trażversali fis-setturi kulturali u kreattivi<sup>1</sup> jikkonċerna kemm is-subsetturi emerġenti u daww maturi ħafa li jgħaddu minn trasformazzjoni diġitali profonda. Daww il-ħiliet huma meħtieġa għall-innovazzjoni u huma kruċjali fid-dawl tal-bidliet fis-suq tax-xogħol li qed jiffaċċa s-settur.

---

<sup>1</sup> L-istudji kulturali u kreattivi fl-universitajiet Ewropej huma ffokati l-aktar fuq il-"parti kreattiva" u l-gradwati tagħhom mhux dejjem ikunu lesti biex jidħlu fis-suq tax-xogħol modern, minħabba li ma jkollhomx ħiliet transsettorjali (intraprenditorjali, diġitali u tal-ġestjoni finanzjarja). Fir-rigward tal-HEIs, l-Ujoni għadha wara l-Istati Uniti tal-Amerika fl-istudji tal-komunikazzjoni u l-midja (filwaqt li l-universitajiet tal-Ujoni qegħdin jaħdmu aħjar f'dixxiplini aktar tradizzjonali bħall-arti u d-disinn jew l-arti tal-ispettaklu).

- Il-wirt kulturali hu espressjoni mhux kontestata ta' identità kulturali, bene pubbliku importanti u sors ta' innovazzjoni, li jipprovdi redditu tajjeb fuq l-investiment u dħul ekonomiku sinifikanti, imma l-potenzjal tiegħu għadu mhux sfruttat biżżejjed. Bħala katalist għal riġenerazzjoni sostenibbli mmexxija mill-wirt u stimulu essenzjali għal edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja, li jippromwovi l-kooperazzjoni u l-koeżjoni soċjali, hu jista' jibbenefika sew minn KKI fis-CCSI.

L-isfidi tas-soċjetà relatati mal-identità u l-koeżjoni Ewropej ġeneralment jistgħu jiġu deskritti f'termini ta' nuqqas ta' "pontijiet" li jgħaqqdu partijiet differenti tas-soċjetà u territorji differenti. Dawn jinkludu kwistjonijiet relatati mal-esklużjoni soċjali, il-ħtieġa li jinbnew konnessjonijiet interkulturali aktar mill-qrib, li tiġi protetta d-diversità lingwistika, inklużi l-lingwi minoritarji, u li jiġi żviluppat sens ta' appartenenza komuni abbażi tad-diversità kulturali u l-wirt komuni tagħna, li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' aktar parteċipazzjoni inklużiva u aċċessibbli tal-komunità, innovazzjonijiet fid-disinn, arkitettura u l-użu ta' spazji pubbliċi, kif ukoll innovazzjoni soċjetali mmexxija mill-kultura. B'mod partikolari:

- hemm kooperazzjoni limitata fost ir-riċerkaturi, bejn ir-riċerka u l-industrija, u bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tat-tielet settur, kif ukoll koordinazzjoni insuffiċjenti u duplikazzjoni mhux neċessarja tal-isforzi fir-riċerka u l-iżvilupp, il-kondiviżjoni tal-metodi, ir-riżultati u l-aħjar prattiki.
- il-livell ta' integrazzjoni ta' raggruppamenti kreattivi u ċentri ta' innovazzjoni huwa insuffiċjenti.

- sehem sinifikanti tal-prijoritajiet reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-Ewropa jirreferi għall-kultura taħt angoli differenti (pereżempju l-wirt kulturali, l-industriji kreattivi u l-arti).
- minħabba r-rwol importanti tal-kultura u tal-kreattività għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-bliet u r-reġjuni u l-abbiltà tagħhom li jgħinu aktar sabiex jindirizzaw kwistjonijiet ta' disparità madwar l-Ewropa, il-potenzjal tal-KKI fis-CCSI huwa għoli.

L-isfidi attwali relatati mal-impjiegi, ir-reżiljenza ekonomika u t-tkabbir intelliġenti tal-Ewropa jinkludu kwistjonijiet soċjoekonomiċi bħall-indirizzar tal-qgħad (speċjalment il-qgħad fost iż-żgħażaġħ), it-titjib tal-ħiliet u tal-ambjenti tax-xogħol u l-iffaċċjar tal-kompetizzjoni globali.

- Hemm konċentrazzjoni għolja fis-suq: fl-2013, madwar 50 % tal-fatturat totali u tal-valur miżjud tal-Unjoni kien ġġenerat fir-Renju Unit, fi-Ġermanja, u fi Franza.
- Il-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni teknoloġika għandhom impatt qawwi fuq l-industriji Ewropej. Dawk l-iżviluppi biddlu l-mod kif l-artisti jipproduċu u jqassmu x-xogħlijiet tagħhom u jirrelataw mal-udjenzi tagħhom, u biddlu l-mudelli kummerċjali tradizzjonali tal-CCSIs, u biddlu b'mod fundamentali l-aspettattivi u l-imġiba tal-konsumaturi. Barra minn hekk, is-setgħa dejjem akbar tal-kumpaniji tal-produzzjoni ta' kontenut mhux Ewropej kellha impatt enormi fuq il-katina tal-valur tradizzjonali.

- Produzzjonijiet kreattivi, kulturali u artistiċi spiss jiffaċċjaw l-isfida li jagħmlu l-flus mill-produzzjoni u l-prodotti tagħhom, u b'hekk joħolqu oqsma ferm prekarji ta' xogħol. Għandhom jinstabu modi innovattivi ġodda ta' kif jiġu appoġġjati organizzazzjonijiet u intrapriżi kreattivi ta' daqs mikro, żgħira u medja.

Fl-aħħar nett, ir-rwol tal-UE bħala attur globali jinkludi l-ħtieġa li jittejjeb it-tixrid tal-kontenut kulturali Ewropew. L-Ewropa trid tibqa' kompetittiva fit-tellieqa diġitali globali għall-ħolqien ta' teknoloġiji ġodda (pereżempju l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti u l-blockchain) li għalihom is-CCSI huma ġeneraturi importanti ta' kontenut, prodotti u servizzi. Barra minn hekk, fuq skala globali, is-CCSI (bħad-disinn u l-arkitettura,) jikkontribwixxu b'mod attiv għall-iżvilupp sostenibbli u jixprunaw l-innovazzjoni ekoloġika, filwaqt li l-kontenut kulturali (il-letteratura, il-films u l-arti) jista' jqajjem, flimkien mal-valur intrinsiku tiegħu, kuxjenza dwar problemi ekoloġiċi u jinforma l-opinjoni pubblika.

## II. Rilevanza u impatt

KKI fis-CCSI – bl-approċċ olistiku u integrat tagħha – ser tgħin sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kollha definiti fit-Taqsima I. Billi tkopri kważi s-setturi kollha ta' ħajjitna, tas-soċjetà u tal-ekonomija, tali KKI x'aktarx ser tkun rilevanti ħafna f'termini tal-impatt ekonomiku u soċjetali tagħha, filwaqt li tisfrutta opportunitajiet strateġiċi għall-innovazzjoni ekonomika, teknoloġika u soċjali. X'aktarx li tkun strumentali wkoll biex tippermetti lill-HEIs fl-arti jkollhom rwol aktar attiv fl-iżvilupp ta' kompetenzi ibridi u mentalità intraprenditorjali li tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-industrija.

L-innovazzjonijiet ibbażati fuq il-kultura u xprunati mill-kreattività jagħtu spinta lill-kompetittività Ewropea direttament billi joħolqu intrapriżi u impjiegi ġodda jew indirettament billi joħolqu benefiċċji transsettorjali għall-ekonomija usa', itejbu l-kwalità tal-ħajja u jżidu l-attraenza tal-Ewropa. Is-setturi kulturali u kreattivi (bħall-wirt kulturali u l-arti) huma dejjem aktar meqjusa bħala sorsi ġodda ta' tkabbir u impjiegi intelliġenti, sostenibbli u inklużivi. Dawk is-setturi diġà qegħdin jimpjegaw aktar minn 12-il miljun persuna fl-Unjoni, li jammontaw għal aktar minn 7,5 % tal-persuni kollha impjegati fl-Unjoni. Il-wirt kulturali hu komponent ewlieni tas-setturi kulturali u kreattivi u kontributur ferm importanti biex ir-reġjuni, il-bliet kbar, il-bliet żgħar u ż-żoni rurali tal-Ewropa jkunu attraenti. Hu instigatur ta' investimenti tas-settur privat, bil-ħsieb li jattira t-talent, jiġġenera negozji u joħloq impjiegi diretti u indiretti.

Il-kontribut tal-kultura u tal-kreattività għall-innovazzjoni qed jiġi xprunat dejjem aktar minn fatturi mhux teknoloġiċi bħall-kreattività, id-disinn u proċessi organizzattivi jew mudelli ta' negozju ġodda. B'mod partikolari, is-setturi bi ktajjen ta' valur distinti (jiġifieri l-mużika, l-arti, id-disinn, il-moda, l-awdjoviżiv, il-logħob tal-kompjuter, l-arkitettura eċċ) għandhom kapaċità ta' innovazzjoni b'saħħitha f'termini ekonomiċi u huma kapaċi jmxexxu l-innovazzjoni f'setturi oħrajn tal-ekonomija.

Il-kultura u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali għandhom impatt dirett fuq il-benesseri taċ-ċittadini u l-inklużjoni soċjali. L-industiji kulturali u kreattivi jtejbju l-valuri soċjetali tal-identità, id-demokrazija u l-parteċipazzjoni tal-komunità. Il-kultura għandha potenzjal kbir li ssaħħa s-sens ta' appartenenza Ewropew, fejn id-diversità tirrappreżenta vantaġġ. Dan huwa ta' importanza fundamentali biex ikunu permessi r-reżiljenza, l-aċċess soċjali, il-koeżjoni tas-soċjetà, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi politiċi tal-Ewropa u l-ħtieġa ta' unità.

KKI fis-CCSI tiftaħ opportunitajiet ta' networking, kollaborazzjoni, ħolqien konġunt u trasferiment tal-ġharfien bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka, in-negozju, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tat-tielet settur, fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi u ma' setturi oħrajn tas-soċjetà u l-ekonomija. Din hija maħsuba biex:

- tikkatalizza inizjattivi minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali. Tiżviluppa l-kundizzjonijiet qafas meħtieġa għall-ħolqien u ż-żieda ta' impriżi ġodda f'ekosistemi innovattivi;
- tipprovdi lir-riċerkaturi u lill-istudenti f'ħafna dixxiplini (inklużi l-arti, l-umanistika, ix-xjenzi soċjali u x-xjenza pura applikata u n-negozju) u lill-imprendituri tal-industriji kulturali u kreattivi u setturi oħrajn bl-ġharfien u l-ħiliet meħtieġa sabiex iwasslu soluzzjonijiet innovattivi u jbidduhom f'opportunitajiet kulturali, soċjetali u ta' negozju ġodda.. u

- tippermetti aktar fertilizzazzjoni trażversali ma' setturi ekonomiċi u industrijali oħra, filwaqt li taġixxi bħala aċċeleratur għall-innovazzjoni.

### III. Sinerġiji u komplementarjetajiet ma' inizjattivi eżistenti

KKI fis-CCSI tkun komplementarja għal għadd ta' inizjattivi tal-Unjoni oħrajn, kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri. Is-sinerġiji ewlenin mistennija fil-livell tal-Unjoni huma ppreżentati fit-Taqsima.

KKI fis-CCSI mistennija tistabbilixxi sinerġiji b'saħħithom ma' inizjattivi ta' politika rilevanti taħt Orizzont Ewropa u, b'mod partikolari, taħt il-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" mar-raggruppament "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva" u l-oqsma ta' intervent tagħha fuq il-wirt kulturali u d-demokrazija. KKI fis-CCSI tista' tipprovdi wkoll inputs orizzontali siewja f'diversi attivitajiet li jridu jitwettqu fir-raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju", b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji tal-manifattura li fihom il-ħtieġa li jiġu żviluppati prodotti ġodda tiddependi ħafna fuq is-CCSI. Barra minn hekk, din tista' tikkomplementa b'mod effiċjenti partijiet oħrajn tal-programm Orizzont Ewropa, l-intervent tal-EIT Diġitali eżistenti u l-azzjonijiet ippjanati taħt programmi tal-UE oħrajn bħall-Programm InvestEU, Erasmus+, il-Programm Ewropa Kreattiva, Ewropa Diġitali jew il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

Il-Programm ġdid Ewropa Kreattiva ser ikun rilevanti ħafna għall-attivitajiet ta' KKI fis-CCSI. Il-Programm Ewropa Kreattiva jeleġġi linji u sejħiet speċjali li jirriflettu wħud mill-isfidi li qed jiffaċċja s-settur (eż. il-ħiliet u l-impjiegi l-mudelli tan-negozju) u għandu l-għan li jiżviluppa sinerġiji u komplementarjetajiet b'saħħithom. Taħt il-Programm InvestEU, u fil-kuntest ta' aċċess limitat għall-finanzi għas-setturi kulturali u kreattivi, huma mistennija sinerġiji mal-mekkaniżmu finanzjarju li jgħinu fiż-żieda tal-proġetti kulturali u kreattivi billi jipprovdi assigurazzjoni lill-intermedjarji finanzjarji.

Il-pjattaforma tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3) dwar il-Modernizzazzjoni Industrijali identifikat għadd ta' strateġiji dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni li jiffokaw fuq is-CCSI u jesploraw rabtiet ġodda bejn l-assi lokali, is-swieq potenzjali u l-isfidi soċjetali permezz tal-involviment ta' sett kbir ta' atturi intraprenditorjali. B'mod partikolari, il-promozzjoni ta' sħubiji ġodda bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi hija tħassib ewlieni tal-istrateġija S3, li tappella għall-istabbiliment ta' pjattaformi kollaborattivi ġodda.

#### IV. Konklużjoni

KKI fis-CCSI hija l-aktar addattata biex tindirizza l-isfidi ekonomiċi u soċjetali ewlenin imsemmija f'dan l-Appendiċi. Il-kreattività hija xprun ewlieni tal-innovazzjoni u KKI fis-CCSI għandha l-kapaċità li tisfrutta l-potenzjal tal-kreattività artistika bbażata fuq il-kultura u li tgħin biex issaħħaħ il-kompetittività, is-sostenibbiltà, il-prosperità u t-tkabbir intelliġenti tal-Ewropa.

## **Appendiċi 2:**

Skeda informattiva dwar il-KKI fis-Setturi tal-Ilma, tal-Baħar u Marittimi u l-Ekosistemi (WMM)

Dan l-Appendiċi jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-qasam tad-WMM fiż-żmien tat-tnejn tas-SIA 2021-2027. Qabel it-tnejn ta' KKIs dwar id-WMM, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi biex tirrifletti l-iżviluppi fix-xejriet xjentifiċi, teknoloġiċi u soċjoekonomiċi, u tiżgura:

- (1) allinjament sħiħ mal-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa;
- (2) allinjament sħiħ mal-kriterji għas-Sħubiji Ewropej stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/...<sup>+</sup>; u
- (3) koerenza ma' inizjattivi eżistenti fil-livell tal-Unjoni, dak nazzjonali u dak reġjonali, inklużi sħubiji u missjonijiet Ewropej.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

## I. L-isfida

L-ibħra, l-oċeani u l-ilmijiet interni għandhom rwol ċentrali fil-ħajja, fis-saħħa u l-benessri tal-bniedem, fil-provvista tal-ikel, fis-servizzi kritiċi tal-ekosistema, fl-enerġija rinnovabbli u frizorsi oħra, kif ukoll fid-dimaniċi relatati mal-klima u fil-preservazzjoni tal-bijodiversità. Matul dawn l-aħħar 100 sena, l-użu żejjed u l-ġestjoni ħażina tar-riżorsi naturali poġġew pressjoni kbira fuq l-ekosistemi tal-ilma ħelu u tal-baħar. Għalhekk, il-ħolqien ta' ekonomija blu ċirkolari u sostenibbli u li tiżviluppa fil-limiti ekoloġiċi u li hija bbażata fuq id-disponibbiltà affidabbli ta' kwantità u kwalità aċċettabbli tal-ilma kif ukoll fuq ekosistemi tal-ilma ħelu u tal-baħar b'saħħithom u li jiffunzjonaw. Din l-isfida tinkludi prinċipalment: (1) l-iskarsezza tal-ilma, in-nixfa u l-ġhargħar; (2) id-degradazzjoni tal-ekosistema tal-baħar u tal-ilma ħelu; u (3) l-ekonomija blu ċirkolari u sostenibbli.

1. L-iskarsezza tal-ilma, in-nixfa u l-għargħar;

It-tibdil kontinwu fil-klima u l-estrazzjoni żejda tal-ilma ħelu qed iżidu s-severità u l-frekwenza tal-iskarsezza tal-ilma u l-perjodi ta' nixfa. Mingħajr metodi u teknoloġiji innovattivi għall-ġbir, it-tbassir, it-tnejjija u t-tixrid ta' informazzjoni u soluzzjonijiet dwar is-sikurezza tal-korpi tal-ilma, it-theddid potenzjali u l-mitigazzjoni tar-riskji, l-Unjoni hija esposta għal danni ekonomika u soċjali gravi. L-iskarsezza tal-ilma takkumpanja l-pressjoni fuq l-art xprunata mill-ħtieġa li jiżdiedu l-produzzjoni tal-bijomassa, is-sekwestru tal-karbonju u l-inħawi naturali biex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni u tal-biodiversità. Il-valutazzjoni<sup>1</sup> tal-impatt tal-Kummissjoni tindika li ċ-ċaqliq tal-produzzjoni tal-proteini għal akkwakultura mhux mitmugħa u għal akkwakultura u akkwaponika multitrofiċi u integrati, jista' jtaffi l-pressjoni fuq l-art u l-ilma ħelu.

---

<sup>1</sup> Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2020 intitolata "Inżidu l-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030. Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna".

2. Id-degradazzjoni tal-ekosistema tal-baħar u tal-ilma ħelu;

L-ekosistemi kostali, tal-baħar u tal-ilma ħelu huma soġġetti għal pressjoni mill-attività diretta tal-bniedem u mill-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima. Il-ħsara tinkludi t-telf tal-bijodiversità, it-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut, il-ħsara lill-qiegħ tal-baħar, inkluż mill-użu ta' tagħmir ta' ħsara bħal tagħmir tas-sajd, it-tfixkil tax-xmajjar, it-tniġġis tal-ewtrofikazzjoni, u l-akkumulazzjoni ta' skart fil-baħar inkluż livell għoli ta' rkaptu tas-sajd u mikroplastiki li jintremew fl-oċeani. Saħħa ekoloġika fqira mhux biss tikkomprometti l-miri tal-bijodiversità iżda wkoll tagħmel ħsara lil daww il-komunitajiet u n-negozji li jiddependu fuq ilma nadif u ekosistemi b'saħħithom. Is-suq globali għall-prodotti u s-servizzi għall-kejl u l-mitigazzjoni ta' dik id-degradazzjoni qed jikber u huwa kompetittiv ħafna. Innovazzjoni li tista' ttejjeb, tirrestawra u tirkupra l-kapital tal-baħar, kostali u tal-ilma ħelu u l-innovazzjoni f' rkaptu u metodi tas-sajd sostenibbli huma kruċjali għall-kompetittività tan-negozji tal-Unjoni u għall-appoġġ tal-impjiegi u t-tkabbir madwar l-Unjoni.

### 3. L-ekonomija blu ċirkolari u sostenibbli.

It-triq lejn ekonomija ċirkolari mhux biss tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem u l-effiċjenza fir-riżorsi, iżda hija wkoll mutur ta' tkabbir sostenibbli. It-tkabbir ippjanat mingħajr preċedent fl-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u teknoloġiji innovattivi oħra tal-enerġija mill-oċeani, li jridu ma jdgħajfux il-protezzjoni ambjentali, joffru opportunitajiet kemm għat-titjib tal-bijodiversità (bħal skollijiet artifiċjali u sodod tal-gajdri) kif ukoll għal attivitajiet ġodda li jagħmlu użu mill-ispazju u l-elettriku rinnovabbli bħall-akkwakultura u l-elettroliżi tal-idroġenu. L-akkwakultura mhux mitmugħa hija kapaċi tirriċikla n-nutrijenti żejda li kieku jikkawżaw l-ewtrofikazzjoni. Miri ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-fjuwil rinnovabbli fit-trasport marittimu jeħtieġu innovazzjoni fil-propulsjoni u l-loġistika. L-użu mill-ġdid tal-ilma mormi jipprevjeni skarsezzi li jistgħu jiġu aggravati minn klima li qed tinbidel.

## II. Rilevanza u impatt

KKI fid-WMM – b'approċċ olistiku u integrat – se tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija fit-Taqsima I. Dan il-qasam għandu bażi ta' għarfien relattivament b'saħħitha u potenzjal għoli tas-suq. Il-pajjiżi Ewropej ipproduċew aktar dokumenti ta' riċerka dwar ix-xjenza u t-teknoloġija tal-ilma f'dawn l-aħħar 15-il sena minn kemm l-Istati Uniti tal-Amerika kif ukoll il-bqija tad-dinja. Barra minn hekk, l-Unjoni, flimkien maċ-Ċina u l-Istati Uniti tal-Amerika, hija waħda mill-ekonomiji marittimi ewlenin. Skont l-aktar ċifri reċenti mill-2018, is-setturi stabbiliti tal-ekonomija blu kienu jimpjegaw 'il fuq minn 5 miljun persuna fl-Unjoni, jiġġeneraw fatturat ta' EUR 750 biljun u valur miżjud gross ta' EUR 218 biljun. Madankollu, hemm frammentazzjoni ċara tal-isforzi u diskrepanzi bejn l-attivitàjiet tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Pereżempju, inqas minn 20 % tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka u żvilupp fix-xjenzi tal-ilma għandhom kooperazzjoni effettiva mal-industriji jew l-intrapriżi.

Setturi tal-innovazzjoni emerġenti ġodda (bħall-bijoteknoloġiji u l-produzzjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta) jifflu opportunitajiet ġodda tas-suq għal teknoloġiji ġodda u negozji ġodda u impjiegi b'ħiliet ta' livell għoli. Dawk is-setturi u t-tranżizzjoni teknoloġika tas-setturi aktar tradizzjonali relatati mal-baħar ikunu jeħtieġu approċċi transdixxiplinarji u tipi ġodda ta' edukazzjoni lil hinn mill-konfini tad-dixxiplina. B'mod partikolari, il-programmi akkadeimiċi għandhom it-tendenza li jkunu pjuttost wiesgħa, filwaqt li s-setturi jeħtieġu għarfien u ħiliet speċifiċi. Barra minn hekk, il-kurrikuli f'oqsma bħall-inġinerija, id-disinn urban u l-arkitettura ma jkoprux biżżejjed kwistjonijiet relatati mal-ekoloġija, l-inġinerija tal-baħar u l-ġestjoni tal-ilma.

L-istabbiliment ta' KKI fid-WMM huwa maħsub biex jinkludi kontribut reali għat-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-istimolar tal-kooperazzjoni fit-trijangolu tal-għarfien, sabiex titħaffef l-adozzjoni ta' teknoloġiji u approċċi ġodda u tingħata spinta lill-iżvilupp ta' prodotti u metodi aktar sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd. L-istabbiliment ta' komunità multidixxiplinari pan-Ewropea ta' sħab tat-trijangolu tal-għarfien jgħin biex jippromwovi l-viżjoni tal-ekonomija blu u jagħti spinta lill-kompetittività fil-livell dinji tax-xjenza u t-teknoloġija tal-baħar u marittimi Ewropej. Tali komunità tgħin biex jinġiebu fis-suq proġetti innovattivi tax-xjenza u t-teknoloġija blu li jipprovdu soluzzjonijiet għal sfidi prattiċi urġenti ta' sostenibbiltà u jikkontribwixxu għal "Ekonomija Blu bbażata fuq l-Ekosistema" mhux biss fil-livell Ewropew iżda wkoll f'livell dinji. KKI fid-WMM twassal għal ġestjoni aħjar tal-interazzjonijiet tal-bniedem mal-ekosistemi tal-ilma u tal-baħar li jikkontribwixxu direttament għal ekonomija blu sostenibbli li tiżviluppa fil-limiti ekoloġiċi, b'mod partikolari billi tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar.

### III. Sinerġiji u komplementarjetajiet ma' inizjattivi eżistenti

Il-KKI fid-WMM għandha tistabbilixxi l-aktar sinerġiji b'saħħithom possibbli mal-inizjattivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni kif ukoll fi ħdan Orizzont Ewropa, u tinteraġixxi f'livell internazzjonali mal-inizjattivi rilevanti tan-NU u l-SDGs, b'mod partikolari l-SDG 6 "Ilma Nadif u Sanità", SDG 11 "Bliet u Komunitajiet Sostenibbli", SDG 13 "Azzjoni Klimatika" u SDG 14 "Ħajja taħt l-Ilma".

Il-KKI fid-WMM għandha tiġi allinjata mal-prijoritajiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, fid-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea u l-impenji internazzjonali. Il-KKI fid-WMM għandha tikkontribwixxu għall-prijoritajiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, partikolarment l-"Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt", il-"pjan ta' azzjoni ta' żero tniġġis tal-arja, l-ilma u l-ħamrija" u l-"inizjattivi biex tiżdied, u biex tiġi mmaniġġata aħjar il-kapaċità tal-passaġġi interni fuq l-ilma" u l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030.

- 
- <sup>1</sup> Id-Direttiva 2010/2184/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2010, p. 1).
- <sup>2</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).
- <sup>3</sup> Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135).
- <sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Xi Strateġiji S3 reġjonali identifikaw għadd ta' strateġiji fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jiffukaw fuq industriji tal-baħar u akkwatiċi u jesploraw rabtiet ġodda bejn l-assi lokali, is-swieq potenzjali u l-isfidi soċjetali permezz tal-involviment ta' sett kbir ta' atturi intraprenditorjali.

Għandhom ikunu assigurati komplementarjetajiet b'saħħithom mal-komponenti ta' Orizzont Ewropa, u għandhom jiġu evitati duplikazzjonijiet, partikolarment:

- (1) mal-missjoni possibbli dwar "oċeani, ibħra u ilmijiet interni u kostali b'saħħithom";
- (2) Sħubijiet Ewropej rilevanti, b'mod partikolari dawk dwar "Ekonomija Blu newtrali għall-klima, sostenibbli u produttiva", "Is-salvataġġ tal-bijodiversità biex tiġi salvagwardjata l-ħajja fid-dinja", "Water4All", "Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa", "Nixprunaw it-tranżizzjoni urbana", "Sistemi tal-ikel" u "Riċerka u Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran" (Orizzont 2020);
- (3) ir-raggruppamenti tal-Pilastru II "Sfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali Ewropea";
- (4) infrastrutturi tar-riċerka; u
- (5) l-EIC.

Komplementarjetajiet b'saħħithom, mall-Bank Ewropew ta' Investiment (BEI) u l-BlueInvest għandhom jiġu żgurati wkoll għall-użu ta' innovazzjonijiet promettenti u d-duplikazzjonijiet għandhom jiġu evitati.

#### IV. Konklużjoni

Il-KKI fid-WMM hi l-aktar adatta biex tindirizza l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjetali ewlenin imsemmija f'dan l-Appendiċi. Dik il-KKI hija meħtieġa, b'mod partikolari, biex jissaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha li jindirizzaw l-isfidi relatati mal-ilma, jitħarrġu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' innovaturi u imprendituri, u jinsabu u jiġu appoġġjati soluzzjonijiet innovattivi għal dawk l-isfidi.

Il-KKI fid-WMM għandha:

- (1) tnaqqas il-frammentazzjoni tal-innovazzjoni tas-setturi tal-ilma, marittimi u tal-baħar billi trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi tal-innovazzjoni li jgħaqqdu l-atturi u n-networks mis-setturi u d-dixxiplini kollha fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali
- (2) tippromwovi approċċ integrat u multidixxiplinari permezz ta' kollaborazzjoni fost l-HEIs, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, in-negozji innovattivi, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u tat-tielet settur fis-setturi tal-ekonomija blu sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni dwar tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
- (3) tgħaqqad atturi u networks minn fost setturi u dixxiplini fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, partikolarment billi tidentifika l-istrateġiji S3 rilevanti u strateġiji reġjonali ulterjuri li jinkludu setturi tal-ekonomija blu;

- (4) tħarreġ u tiżviluppa lill-ġenerazzjoni li jmiss ta' innovaturi u intraprendituri fis-setturi tal-ekonomija blu billi tgħammarhom bil-ħiliet intraprenditorjali u teknoloġiċi neċessarji li huma meħtieġa għall-iżvilupp sostenibbli u kompetittiv.
- (5) tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kundizzjonijiet qafas xierqa biex tittrasforma l-ideat fi żviluppi teknoloġiċi ġodda u f'innovazzjoni soċjali u għat-tqegħid tagħhom fis-suq fid-dawl tat-titjib fil-kwalità tal-ħajja u li minnhom jibbenifikaw iċ-ċittadini tal-Unjoni;
- (6) tistabbilixxi sinerġiji ma' Sħab Ewropej oħra, missjonijiet, l-inizjattivi ta' programmar konġunti, l-EIC, il-BEI u l-Blue Invest, biex jiġu żviluppati innovazzjonijiet, biex setturi oħra jkunu jistgħu jikbru b'mod sostenibbli u jiżdiedu t-tqegħid fis-suq u l-aċċettazzjoni mis-soċjetà ta' soluzzjonijiet innovattivi; u
- (7) issaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni bħala attur globali fix-xjenza tal-oċeani, fil-ġestjoni tal-pasaġġi interni fuq l-ilma u fil-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi.

---